ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea C 101

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

23 ta' April 2008

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2008/C 101/01 Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas ta' politika COM(2007) 96 ..... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 101/02 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ..... 13

2008/C 101/03 Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ..... 17

2008/C 101/04 Bidu ta' proċeduri (Każ COMP/M.4980 — ABF/GBI Business) [1] ..... 20

2008/C 101/05 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5025 — SABMiller/Molson Coors/JV) [1] ..... 21

MT



[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

**Kummissjoni**

2008/C 101/06 Rata tal-kambju ta' l-euro ........ 22

2008/C 101/07 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG — Relatur: Franza ........ 23

2008/C 101/08 Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ fil-Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG *(Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza għall-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)* ........ 24

2008/C 101/09 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2007 li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG) ([1]) 25

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2008/C 101/10 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għajnuniet mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 ........ 30

2008/C 101/11 Tagħrif fil-qosor imwassal mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ........ 32

MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas ta' politika COM(2007) 96

(2008/C 101/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) fl-Ewropa: passi lejn qafas ta' politika [1] (aktar 'il quddiem: "il-Komunikazzjoni".) Skond l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD huwa responsabbli biex jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-ipproċessar tad-data personali. Skond dan l-artikolu, il-KEPD jippreżenta din l-opinjoni.

2. Din l-opinjoni għandha titqies bħala reazzjoni tal-KEPD għall-Komunikazzjoni, kif ukoll dwar azzjonijiet oħrajn fil-qasam ta' l-RFID li twettqu minn meta ġiet adottata l-Komunikazzjoni. Dawn l-azzjonijiet rilevanti l-oħra li ttieħed kont tagħhom f'din l-opinjoni jinkludu:

   — Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2007 li stabbilixxiet il-Grupp ta' Esperti dwar l-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju [2], li hija konsegwenza diretta tal-Komunikazzjoni. Dan il-grupp huwa magħruf ukoll bħala l-Grupp RFID-Partijiet Interessati. Skond l-Artikolu 4 (4) (b) tad-deċiżjoni, il-KEPD jipparteċipa fl-attivitajiet tal-grupp bħala osservatur.

   — Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 2007 dwar strateġija għal Soċjetà ta' l-Informazzjoni Sigura fl-Ewropa. [3].

   — Il-Proġett "RFID u l-ġestjoni ta' l-identità" mibdi mill-Parlament Ewropew [4].

(1) COM(2007) 96 finali.
(2) Deċiżjoni Nru 467/2007/KE, ĠU L 176, 6.7.2007, p. 25.
(3) ĠU C 68, 24.3.2007, p. 1.
(4) Proġett "RFID u l-ġestjoni ta' l-identità — Studji ta' każijiet misluta mill-avangwardja ta' l-iżvilupp lejn l-ambjenti intelliġenti", ikkommissjonat mis-servizz tal-Valutazzjoni ta' l-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) tal-Parlament Ewropew u eżegwit mill-ETAG (il-Grupp Ewropew għall-Valutazzjoni Teknoloġika ), http://www.europarl.europa.eu/stoa/default_en.htm

— L-adozzjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' l-Artikolu 29 f'Ġunju 2007 ta' l-Opinjoni Nru 4/2007 dwar il-kunċett ta' data personali ([1]).

— Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-segwitu tal-Programm ta' Ħidma għall-aħjar implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data ([2]), u l-opinjoni tal-KEPD dwar din il-komunikazzjoni tal-25 ta' Lulju 2007 ([3]).

— L-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta għal Direttiva li temenda (inter alia) id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika ([4]).

3. Il-KEPD jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-RFID peress li hija tittratta l-kwistjonijiet ewlenin li jinqalgħu fil-kuntest ta' l-introduzzjoni tat-teknoloġija ta' l-RFID mingħajr ma twarrab dawk determinanti relatati mal-protezzjoni tal-privatezza u tad-data. Din il-komunikazzjoni bbenefikat minn ħidma preparatorja konsistenti u rigoruża. Tabilħaqq, qabel din il-komunikazzjoni saru ħames sessjonijiet ta' ħidma tematiċi kif ukoll konsultazzjoni pubblika online kommissjonata mill-Kummissjoni ([5]).

4. Il-KEPD jaqbel mal-fehma li s-sistemi ta' l-RFID jista' jkollhom rwol ċentrali fl-iżvilupp tas-Soċjeta ta' l-Informazzjoni normalment imsejħa "Internet ta' l-oġġetti" u huwa jikkondividi bis-sħiħ ukoll il-preokkupazzjonijiet imsemmija fil-Paragrafu 3.2 tal-Komunikazzjoni li s-sistemi ta' l-RFID jistgħu jheddu d-drittijiet ta' l-individwu għall-protezzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. Tabilħaqq, fir-Rapport Annwali tiegħu ta' l-2005, il-KEPD identifika l-RFID flimkien mal-bijometrika, l-ambjenti intelliġenti u s-Sistemi ta' Ġestjoni ta' l-Identità, bħala żviluppi teknoloġiċi li mistennija li jkollhom impatt importanti ħafna fuq il-protezzjoni tad-data.

5. Skond il-KEPD, id-domestikazzjoni tat-teknoloġiji ta' l-RFID u l-aċċettazzjoni wiesgħa tagħhom mhux ser jintlaħqu biss minħabba l-konvenjenza attraenti tagħhom jew is-servizzi ġodda li joffru, iżda ser ikunu wkoll iffaċilitati mill-benefiċċji ta' salvagwardji tal-protezzjoni tad-data mfasslin kif imiss u konsistenti.

6. Fil-qosor: il-KEPD jikkwalifika l-RFID bħala żvilupp teknoloġiku fundamentalment ġdid, ġustament imsejjaħ fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bħala t-tieqa għal fażi ġdida ta' żvilupp tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni.

7. Dan l-iżvilupp iqajjem mistoqsijiet importanti f'oqsma differenti, li wieħed minnhom huwa l-qasam tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza. L-opinjoni tal-KEPD hija limitata għal dan il-qasam.

## II. Il-FOKUS TA' L-OPINJONI

8. Din l-opinjoni hija ffokata b'mod partikolari fuq il-konsegwenzi possibbli ta' dawn l-iżviluppi għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Dawn il-konsegwenzi huma fil-mument inċerti, anki minħabba l-fatt li l-iżvilupp tas-sistemi-RFID u d-domestikazzjoni tagħhom għadhom għaddejin bis-sħiħ u minħabba l-fatt li bl-ebda mod ma huwa ċar fejn dawn l-iżviluppi ser jispiċċaw.

9. F'din il-perspettiva, il-KEPD jieħu l-approċċ li ġej:

— L-ewwel nett, hija meħtiega biex jiġu kkjarifikati l-konsegwenzi prattiċi ta' l-użu tas-sistemi-RFID għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

— It-tieni nett, hija meħtieġa biex jiġu speċifikati dawn il-konsegwenzi, fil-kuntest tal-qafas legali eżistenti għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

— It-tielet nett, il-KEPD jittratta l-kwistjoni jekk dawn il-konsegwenzi jeħtiġux regoli aktar speċifiċi biex jiġu ttrattati l-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data mqajjma mill-użu tat-teknoloġiji-RFID. Din il-kwistjoni kienet diġà tressqet mill-KEPD fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva tal-Protezzjoni tad-Data u ser tkun elaborata ulterjorment fl-opinjoni attwali.

10. Billi jieħu dan l-approċċ, il-KEPD għandu l-għan li jippromwovi li l-iżvilupp tas-sistemi-RFID u d-domestikazzjoni tagħhom ser jieħdu kont tal-preokkupazzjonijiet iġġustifikati dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

## III. KJARIFIKAR TAL-KONSEGWENZI

### Sistemi u tikketti ta' l-RFID

11. Minkejja l-fatt li — kif ingħad — l-iżviluppi għadhom għaddejjin bis-sħiħ u l-eżitu huwa inċert, huwa ferm possibbli li jiġu deskritti l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn l-iżviluppi bil-ħsieb tal-konsegwenzi tagħhom għall-protezzjoni tad-data.

([1]) Dokument WP 136, ippubblikat fuq is-sit web tal-Grupp ta' Ħidma.

([2]) Komunikazzjoni tas-7 ta' Marzu 2007 tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-segwitu fuq il-Programm ta' Ħidma għall-implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, COM (2007) 87 finali.

([3]) ĠU C 255, 27.10.2007, p. 1. Minn hawn 'il quddiem: "Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data".

([4]) Proposta tat-13 ta' Novembru 2007 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, id-Direttiva 2002/58/KE dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur ta' l-komunikazzjoni elettronika Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi, COM (2007) 698 Finali. Id-Direttiva 2002/58/KE ser tiġi msejħa "Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika".

([5]) http://www.rfidconsultation.eu/

12. Fil-valutazzjoni tal-protezzjoni tad-data potenzjali u ta' l-aspetti ta' privatezza tat-teknoloġija ta' l-RFID, huwa rilevanti ħafna li ma jitqisux biss t-tikketti ta' l-RFID waħedhom, iżda titqies l-infrastruttura ġenerali ta' l-RFID: it-tikketta, il-qarrej, in-netwerk, id-database ta' referenza u d-database fejn tinħażen id-data prodotta mit-tikketta/mill-qarrej ta' l-assoċjazzjoni. Kif inhuwa sottolinjat fil-qosor fl-introduzzjoni tal-Komunikazzjoni, l-RFIDs mhumiex biss "tikketti elettroniċi" u għalhekk il-kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data mhux ser ikunu limitati esklussivament għat-tikketti, iżda ser jestendu għall-partijiet kollha ta' l-infrastruttura ġenerali ta' l-RFID. Tabilħaqq, kull wieħed minn dawn l-elementi għandu rwol x'jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-qafas legali Ewropew tal-protezzjoni tad-data meta hija meħtieġa. Huma ser ikunu xprunati mit-tendenzi ewlenin fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni li qed tiżviluppa, per eżempju bandwidth kważi illimitat, konnessjonijiet tan-netwerk universalment aċċessibbli u kapaċità ta' ħażna bla tmiem.

**Impatt tas-sistemi u t-tikketti ta' l-RFID**

13. Minkejja l-ħtieġa għal approċċ usa' kif enfasizzat fil-paragrafu preċedenti, hemm diversi raġunijiet li jiġġustifikaw li l-ewwel isir iffokar fuq l-użu ta' l-RFID fit-tikkettar fil-livell ta' l-oġġetti fil-prodotti għall-konsumatur bħas-settur tal-bejgħ bl-imnut. Ir-raġuni ovvja hija ż-żieda prevista fl-użu tagħha, li jidher li qed jimxi lejn l-applikazzjoni ġeneralizzata tagħha. Kontrarjament għall-applikazzjonijiet oħrajn ta' l-RFID b'użu ristrett jew limitat, it-tikkettar fil-livell ta' l-oġġetti għandu l-potenzjal li jsir applikazzjoni tas-suq tal-massa. Diġà minn issa ħafna prodotti tal-konsumaturi huma mgħammra b'tikketta ta' l-RFID. Marbut ma' dan hemm il-fatt li tali użu ser jaffettwa numru kbir ħafna ta' individwi li d-data personali tagħhom probabbilment tiġi pproċessata kull darba li jakkwistaw prodott li fih hija inkorporata tikketta ta' l-RFID.

14. Għandha tingħata attenzjoni speċifika lill-konsegwenzi tat-tikkettar ta' l-RFID għas-sidien ta' l-oġġetti. Is-sistemi ta' l-RFID jistgħu jġebbdu r-relazzjoni bejn l-oġġett u s-sid tiegħu. Ladarba din ir-relazzjoni tiġġebbed, is-sid jista' jiġi skennjat u kklassifikat bħala "baġit baxx" jew "mira attraenti" għal transazzjoniet futuri; attribuzzjoni waħda-waħda eċċessiva ([1]) tista' twassal għal "piena" awtomatika ta' ċerta imġiba (obbligu ta' riċiklaġġ, skart, eċċ.). L-individwi m'għandhomx jiġu soġġetti għall-proċess ta' deċiżjonijiet awtomatizzati negattivi. Katalizzat minn din l-abbiltà ta' l-RFID, jiżdied ir-riskju li s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni tersaq qrib sitwazzjoni fejn ser jittieħdu deċiżjonijiet awtomatizzati u fejn it-teknoloġija ser tiġi abbużata sabiex tiġi rregolata l-imġiba tal-bniedem.

15. Id-data maħżuna fi jew prodotta minn tikketta ta' l-RFID, tista' tkun data personali kif definita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data. Per eżempju, l-ismartkards użati għall-ivvjaġġar jista' jkun fihom informazzjoni ta' identifikazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar il-vjaġġi riċenti tal-possessur. Jekk individwu mingħajr skrupli jkun irid jillokalizza individwi, ikun biżżejjed li jitpoġġew qarrejja li jkunu jipprovdu informazzjoni dwar il-movimenti tal-possessuri tal-kard, u għalhekk jinkisru l-privatezza u l-informazzjoni personali tagħhom.

16. Jista' jkun hemm theddid simili anki għall-privatezza jekk l-informazzjoni maħżuna fit-tikketta ta' l-RFID ma tkunx tinkludi ismijiet ta' individwi. It-tikketti ta' l-RFID fihom IDs uniċi mehmuża mal-prodotti għall-konsumatur: jekk kull tikketta għandha ID unika, tali identifikazzjoni tista' tintuża għal finijiet ta' sorveljanza. Per eżempju, jekk xi ħadd jilbes arloġġ li għandu tikketta ta' l-RFID li fiha numru ta' l-ID, din tista' sservi wkoll ta' identifikatur uniku għal min qiegħed jilbsu, anki jekk l-identità tiegħu mhix magħrufa. id-Direttiva tista' tapplika jew le skond kif tintuża l-informazzjoni — u titpoġġa f'relazzjoni ma' l-arloġġ innifsu jew l-individwu. Hija tkun tapplika, per eżempju, jekk tiġi ġġenerata informazzjoni dwar l-inħawi fejn jinsabu l-individwi li probabbilment tintuża biex isir monitoraġġ ta' l-imġiba tagħhom, jew per eżempju għal diskriminazzjoni ta' prezzijiet, aċċess miċħud, jew espożizzjoni mhux mixtieqa għal pubbliċità.

17. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet ta' l-RFID jintużaw bil-miżuri teknoloġiċi meħtieġa biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' żvelar mhux mixtieq ta' l-informazzjoni. Tali miżuri jistgħu jinkludu l-ħtieġa li l-infrastruttura ta' l-RFID tiġi ddisinjata, b'mod partikolari tikketti ta' l-RFID, b'mod li tali eżitu jiġi evitat. Per eżempju, t-tikketti ta' l-RFID jistgħu jintużaw bi "kmand oqtol" li jippermetti d-dizattivazzjoni tagħhom. Din il-possibbiltà ser tiġi diskussa ulterjorment fil-Kapitolu IV ta' din l-Opinjoni.

18. Billi jagħtu l-possibbiltà li l-prodotti jiġu lokalizzati wara l-punt tal-bejgħ, is-sistemi ta' l-RFID jintroduċu kwistjonijiet ġodda fid-dibattitu dwar il-privatezza. Tabilħaqq, għandu jittieħed kont ta' żewġ elementi fl-analiżi ta' l-impatt tagħhom: kemm jitqies li huwa personali l-oġġett, u l-mobbiltà ta' l-oġġett ([2]).

19. Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' oġġett jista' wkoll jikkomplimenta l-analiżi tar-riskju meħtieġa u jikkontribwixxi għall-valutazzjoni kwantitattiva tat-theddid potenzjali rigward il-privatezza. Meħud kont tal-fatt li t-tikketta tista' ma tiġix diżattivata, il-prodott ta' l-utent finali b'ċiklu ta' ħajja twila jkun jista' jiġbor aktar data relatata mis-sid tal-prodott u jibni profil aktar preċiż. Min-naħa l-oħra, ċiklu ta' ħajja qasir ta' oġġett bħal bott tal-luminata mill-produzzjoni tiegħu sal-pass tar-riċiklaġġ jista' jippreżenta anqas riskji u jista' jeħtieġ għalhekk miżuri eħfef minn prodott b'ċiklu ta' ħajja ħafna itwal.

([1]) Dr Sarah Spiekermann, direttur taċ-Ċentru ta' Riċerka ta' Berlin dwar l-Ekonomija ta' l-Internet, sessjoni ta' ħidma dwar l-RFID u l-użu ubikwitarju tal-kompjuter mid-Djalogu Trans Atlantiku dwar il-Konsumatur, 13 ta' Marzu 2007.

([2]) Dara J. Glasser, Kenneth W. Goodman and Norman G. Einspruch, Chips, tikketti u scanners: Sfidi etiċi għall-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju, Etika u Teknoloġija ta' l-Informatika, Volum 9, Nru 2 2007.

**Kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data fl-użu tas-sistema ta' l-RFID**

20. Sabiex il-konsegwenzi tas-sistemi-RFID għall-protezzjoni tal-privatezza u tad-data jinftiehmu aħjar, jistgħu jintagħżlu ħames kwistjonijiet bażiċi dwar il-privatezza u s-sigurtà.

21. L-ewwel kwistjoni hija l-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data. Aktar minn sittin sena ilu, l-għan tat-tikketta ta' l-RFID kien l-"Identifikazzjoni tal-Ħabib jew l-Għadu" li jkun qed joqrob. Illum is-sistemi ta' l-RFID mhux biss jistgħu jidentifikaw l-elementi ġenerali ta' oġġett iżda jistgħu wkoll iwasslu għall-identifikazzjoni ta' individwu u għalhekk jeħtieġu jagħmluha b'mod li jirrispetta l-protezzjoni tad-data.

22. It-tieni kwistjoni hija l-identifikazzjoni tal-kontrollur(i). Fil-każ ta' sistemi ta' l-RFID, l-identifikazzjoni tal-kontrollur kif definita mill-Artikolu 2 (d) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, tista' tkun aktar diffiċli u għalhekk teħtieġ eżami aktar mill-qrib. Madankollu, l-identifikar tal-kontrollur jibqa' pass kritiku fl-istabbiliment tar-responsabbiltajiet ta' kull wieħed mill-atturi rilevanti li ser ikollhom jikkonformaw mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data. Matul iċ-ċiklu ta' ħajja tat-tikketta, il-kontrollur li jipproċessa d-data jista' jinbidel diversi drabi abbażi tas-servizzi addizzjonali li jistgħu jingħataw fir-rigward ta' l-oġġett ittikkettat.

23. It-tielet kwistjoni hija t-tnaqqis fit-tifsira tad-distinzjoni tradizzjonali bejn l-isfera personali u pubblika. Għalkemm fil-passat id-distinzjoni bejn l-ispazji pubbliċi u privati mhux dejjem kienet definita, il-parti l-kbira tan-nies huma konxji dwar il-konfini ta' bejniethom (u taż-żoni griżi) u jieħdu deċiżjonijiet informattivi jew intuwittivi dwar kif jaġixxu skond dawn. Skond Hall ([1]), l-ispazju personali jinqaleb normalment f'distanza personali minn oħrajn. Il-ġestjoni tal-privatezza tista' titqies ukoll bħala proċess regolatorju dinamiku tal-konfini ([2]). Mhux sorpiża għalhekk li n-natura mingħajr fili tal-komunikazzjoni tat-tikketta kif ukoll il-kapaċità ta' qari tagħha barra l-linja ta' viżjoni, iqajmu tħassib dwar il-privatezza billi jdgħajfu d-distinzjoni bejn dawn il-konfini tradizzjonali u l-ġestjoni tagħhom. Tabilħaqq, hemm il-biża' li l-individwu jista' jitlef il-kontroll kollu jew parti minnu tal-ġestjoni tad-distanza li hu/hi gawda/gawdiet s'issa. Għaldaqstant, il-medda ta' qari ta' l-ewwel implimentazzjonijiet tas-sistemi ta' l-RFID ġiet definita b'mod ugwali mill-promoturi u l-kritiċi inġusti tagħhom.

24. Ir-raba' kwistjoni għandha tittratta d-daqs u l-karatteristiċi fiżiċi tat-tikketti-RFID. Peress li t-tikketta teħtieġ li tkun bażikament żgħira u rħisa, il-miżuri ta' sigurtà li jistgħu jintużaw fuq din il-parti tas-sistema ta' l-RFID ser ikunu limitati skond id-definizzjoni. Madankollu, l-aspett mingħajr fili tal-komunikazzjoni jżid ukoll saff ta' riskju pparagunat ma' komunikazzjoni bil-fili u għalhekk huma meħtieġa ħtiġiet ta' sigurtà addizzjonali.

25. Il-ħames kwistjoni hija n-nuqqas ta' trasparenza ta' l-ipproċessar. Is-sistemi ta' l-RFID jistgħu jwasslu għal ġbir u pproċessar inosservati ta' informazzjoni li tista' tintuża biex isir profil ta' individwu. Din il-konsegwenza tista' tiġi illustrata ferm billi s-sistemi-RFID jiġu pparagunati mat-telefon ċellulari, paragun li jsir aktar ta' spiss. Min-naħa l-oħra, it-telefon ċellulari bbenefika minn livell għoli ħafna ta' aċċettazzjoni teknoloġika indipendentement mir-riskji ta' ndħil potenzjali fil-privatezza. Wieħed jista' jikkonkludi li l-RFID ser tiġi aċċettata bl-istess mod. Min-naħa l-oħra, ġie sottolinjat li t-telefon ċellulari huwa oġġett viżibbli li għadu taħt il-kontroll ta' l-utent finali peress li jista' jintefa. Dan mhux il-każ fl-RFID.

26. Għalkemm il-ġbir u l-ipproċessar inosservati ta' l-informazzjoni kif imsemmi hawn fuq jistgħu jkunu leġittimi, huwa wkoll possibbli u taħt ċirkustanzi diversi anki kemmxejn probabbli li jsir ġbir u pproċessar illeġittimu ta' tali data.

27. Il-kjarifiki ta' dan il-kapitolu jiġġustifikaw il-konklużjoni li ġejja. L-użu wiesa' tat-teknolġija-RFID huwa fundamentalment ġdid u jista' jkollu impatt fundamentali fuq is-soċjeta tagħna u fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tagħna, per eżempju l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data. L-RFID tista' ġġib bidla kwalitattiva.

## IV. SPEĊIFIKAR TAL-KONSEGWENZI

### Introduzzjoni

28. Dan il-kapitolu ser jiffoka prinċipalment fuq l-impatt ta' l-RFID fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tagħna, per eżempju l-protezzjoni tal-privatezza u tad-data. Dan ser ikun speċifikat f'żewġ passi, l-ewwel pass ikun dak ta' deskrizzjoni qasira dwar il-mod li bih dawn id-drittjiet fundamentali huma protetti skond il-qafas legali attwali. Bħala tieni pass, il-KEPD ser jelabora dwar il-possibbiltajiet biex jintuża bis-sħiħ il-qafas legali attwali. Din l-aspirazzjoni ġiet introdotta fl-Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data bħala "l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet attwali tad-Direttiva."

29. Il-punt tat-tluq huwa kif ġej: l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, per eżempju s-sistemi ta' l-RFID, għandhom impatt ċar fuq il-ħtiġiet għal qafas legali effettiv għall-protezzjoni tad-data. Barra minn hekk, il-ħtieġa għal protezzjoni effettiva tad-data personali ta' individwu tista' timponi limitazzjonijiet fuq l-użu ta' dawn it-teknoloġiji ġodda. L-interazzjoni għandha għalhekk żewġ lati: it-teknoloġija għandha influwenza fuq il-leġislazzjoni u l-leġislazzjoni għandha influwenza fuq it-teknoloġija ([3]).

([1]) Hall, E.T.1966. Id-Dimensjoni Moħbija. (l-ewwel edizzjoni ). Garden City, N.Y: Doubleday.

([2]) Altman, I. 1975 L-Ambjent u l-Imġiba Soċjali, Brooks/Cole Monterrey.

([3]) Ara l-kummenti tal-KEPD ta' Marzu 2006 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà tad-databases Ewropej, ippubblikata fuq is-sit web tal-KEPD.

**Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali**

30. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data fl-Unjoni Ewropea hija l-ewwel nett iggarantita minn qafas legali, li huwa meħtieġ peress li aħna nittrattaw drittijiet li huma rikonoxxuti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-qafas leġislattiv rilevanti għall-protezzjoni tad-data u l-RFID jikkonsisti bażikament mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika 2002/58/KE ([1]).

31. Il-qafas leġislattiv ġenerali għall-protezzjoni tad-data kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE japplika għall-RFID, dment li d-data pproċessata minn sistemi ta' l-RFID taqa' fid-definizzjoni ta' data personali. Filwaqt li f'ċerti każi l-applikazzjonijiet ta' l-RFID jipproċessaw b'mod ċar id-data personali u jaqgħu mingħajr dubju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, hemm ukoll applikazzjonijiet fejn l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data tista' ma tkunx daqshekk ovvja. L-Opinjoni Nru 4/2007 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data ta' l-Artikolu 29 dwar il-kunċett ta' data personali għandha l-għan li tikkontribwixxi għal komprensjoni aktar ċara u komunament rikonoxxuta tal-kunċett ta' data personali u, billi tagħmel dan, trażżan din l-inċertezza ([2]).

32. F'dak li jirrigwarda d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, is-sitwazzjoni hija hekk kif ġej. S'issa, mhux ċar jekk din id-direttiva tapplikax għal applikazzjonijiet ta' l-RFID. Għal din ir-raġuni, il-Proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 biex tiġi emendata d-direttiva fiha dispożizzjoni li għandha l-għan li tispeċifika li d-Direttiva tapplika tabilħaqq għal ċerti applikazzjonijiet ta' l-RFID. Madankollu, l-applikazzjonijiet l-oħra ta' l-RFID jistgħu ma jkunux koperti minħabba l-limitazzjoni ta' din id-direttiva għall-ipproċessar ta' data personali b'rabta mal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet disponibbli elettronikament b'mod pubbliku f'netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi.

33. Il-protezzjoni tad-data personali tista' tkun ikkomplimentata b'firxa ta' strumenti awtoregolatorji (qafas mhux leġislattiv). L-użu ta' dawk l-istrumenti huwa promoss attivament fiż-żewġ direttivi, b'mod partikolari l-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data li tipprevedi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iħeġġu t-tfassil ta' kodiċi ta' kondotta maħsub biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni korretta tad-direttiva. Barra minn hekk, l-istrumenti awtoregolatorji jistgħu jikkontribwixxu b'mod effiċjenti għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà rikjesti mill-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

**Implimentazzjoni sħiħa tal-qafas attwali**

34. L-Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data telenka numru ta' għodod disponibbli għal implimentazzjoni aħjar tad-direttiva. Il-parti l-kbira ta' l-għodod mhux vinkolanti ta' dik l-opinjoni huma rilevanti għall-RFID, per eżempju l-komunikazzjonijiet interpretattivi jew komunikazzjonijiet oħrajn, il-promozzjoni ta' l-aħjar prattiki, l-użu ta' siġilli tal-privatezza u ta' verifiki tal-privatezza minn parti terza. Il-possibbiltà li jiġu adottati regoli speċifiċi għall-RFID ser tiġi diskussa fil-Kapitolu V. Iżda huwa possibbli titjib ukoll fil-qafas attwali.

**Strumenti awtoregolatorji**

35. Il-KEPD jaqbel mal-Kummissjoni li huwa xieraq li fl-ewwel fażi jitħalla spazju għall-awtoregolazzjoni, li tippermetti lill-partijiet interessati biex joħolqu b'mod rapidu ambjent legalment konformi u li jikkontribwixxi biex jinħoloq ambjent legali aktar sigur.

36. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Grupp RFID-Partijiet Interessati, hija mistennija tistimula u tiddirieġi dan il-proċess ta' awtoregolazzjoni. F'dan il-kuntest, il-KEPD jilqa' r-Rakkomandazzjoni mħabbra fil-Komunikazzjoni li mistennija li jkun fiha linji gwida speċifiċi li jistabbilixxu "il-prinċipji li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħra għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-użu ta' l-RFID".

37. Il-Komunikazzjoni tipprevedi li l-awtoregolazzjoni tieħu l-forma ta' kodiċi ta' kondotta jew kodiċi ta' prattika tajba. Skond il-KEPD, indipendentement minn kwalunkwe forma li l-awtoregolazzjoni tieħu, hu għandu:

— Jipprovdi gwida konkreta u prattika dwar tipi speċifiċi ta' applikazzjonijiet ta' l-RFID u għalhekk jikkontribwixxi għall-konformità mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data.

— Jittratta kwistjonijiet u problemi speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data li jinqalgħu fil-kuntest ta' l-applikazzjonijiet ġeneriċi ta' l-RFID.

— Jikkontribwixxi għall-applikazzjoni uniformi u armonizzata tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data madwar l-UE, preċiżament f'settur li probabbilment juża l-istess tip ta' applikazzjonijiet ta' l-RFID fl-UE kollha.

— Jiġi applikat mill-partijiet interessati rilevanti. In-nuqqqas ta' konformità għandu jkollu konsegwenzi negattivi (possibbilment finanzjarji).

([1]) Punt 59 ta' din l-opinjoni ser jiddiskuti r-relevanza tat-tielet direttiva, jiġifieri d-Direttiva 99/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom, ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

([2]) Ara inter alia p. 10 tal-Opinjoni, ikkwotata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

38. Il-KEPD jindika kwistjoni waħda fejn l-awtoregolazzjoni ser tkun speċifikament utli. Għal dawk l-applikazzjonijiet ta' l-RFID li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data timponi fuq il-kontrolluri tad-data diversi obbligi, b'mod partikolari skond l-Artikolu 17 (is-sigurtà ta' l-ipproċessar) u skond l-Artikolu 7 (il-ħtieġa li d-data tiġi pproċessata biss bir-raġunijiet legali adatti). Skond dawn id-dispożizzjonijiet, il-kolletturi tad-data għandhom min-naħa l-waħda jistabbilixxu miżuri kontra żvelar mhux awtorizzat tad-data. Min-naħa l-oħra, il-kontrolluri tad-data għandhom jiżguraw li l-ipproċessar, per eżempju l-iżvelar ta' l-informazzjoni permezz tal-qarrejja, fejn xieraq, iseħħ biss bil-kunsens infurmat ta' l-individwu li għalih tirreferi d-data.

39. Dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data jistgħu jiġu interpretati bħala li jeħtieġu li l-applikazzjonijiet ta' l-RFID jintużaw bis-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex jipprevjenu jew jimminimizzaw ir-riskji ta' żvelar mhux mixtieq u jiżguraw li l-ipproċessar jew it-trasferiment ta' data isir biss b'kunsens infurmat, skond il-każ. Fil-fehma tal-KEPD, l-eżistenza ta' tali obbligu (jiġifieri l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex jiġu evitati jew imminimizzati r-riskji ta' żvelar mhux mixtieq) u n-natura vinkolanti tiegħu fuq l-utenti ta' l-applikazzjonijiet ta' l-RFID, ser ikunu saħansitra aktar b'saħħithom u aktar ċari jekk din il-ħtieġa tiġi inkluża fil-kodiċi ta' kondotta jew fil-kodiċi ta' prattika tajba li ġej u li hu msemmi hawn fuq. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KEPD jirrakkomanda bil-qawwa li r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tinkludi tali interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, li tissottolinja l-eżistenza ta' l-obbligu li l-applikazzjonijiet ta' l-RFID jintużaw bil-miżuri teknoloġiċi meħtieġa biex jiġi evitat ġbir jew żvelar mhux mixtieq ta' informazzjoni.

**Il-ħtieġa ta' gwida**

40. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti ta' l-RFID, tipproduċi dokument wieħed jew iżjed li jagħtu gwida ċara dwar kif jiġi applikat il-qafas legali attwali għall-ambjent ta' l-RFID. Il-gwida għandha tipprevedi modi prattiċi kif jitħarsu l-prinċipji stabbilti fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Rigward l-approċċ ġenerali tal-gwida u l-kontenut konkret tagħha, il-KEPD għandu is-suġġerimenti li ġejjin.

41. Il-gwida li tistabbilixxi l-prinċipji li japplikaw fir-rigward ta' l-użu ta' l-RFID għandha tkun iffokata bizzejjed u għandha tadotta approċċ speċifiku għas-settur. L-approċċ 'l-istess daqs għal kulħadd' mhux ser jissodisfa l-għanijiet mistħarrġa biex jiġi żgurat qafas ċar u koerenti. Minflok, l-iskop tal-gwida għandu jkun limitat għal applikazzjonijiet settorjali ta' l-RFID li jkunu definiti sew.

42. Barra minn hekk, il-linji gwida għandhom jipproponu metodi prattiċi u effiċjenti biex jiġu żviluppati *tekniki u standards* li jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-konformità tas-sistema ta' l-RFID mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data u li jkunu jinkludu l-użu tat-teknoloġija "privacy by design".

43. Fl-applikazzjoni tal-qafas legali attwali għall-ambjent ta' l-RFID, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-applikazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u l-obbligi li japplikaw għall-kontrolluri tad-data ta' l-applikazzjonijiet ta' l-RFID. L-obbligi u l-prinċipji li ġejjin huma partikolarment rilevanti:

— Il-prinċipju tad-dritt għall-informazzjoni, inkluż id-dritt li tkun taf meta d-data tinġabar permezz tal-qarrejja, u f'każijiet adatti, li l-prodotti huma ttikkettati.

— Il-kunċett ta' kunsens bħala waħda mir-raġunijiet legali għall-ipproċessar tad-data. Dan il-kunċett jimmaterjalizza fl-obbligu ta' diżattivazzjoni tat-tikketti ta' l-RFID fil-punt tal-bejgħ, ħlief jekk is-suġġett tad-data ikun ta l-kunsens tiegħu/tagħha ([1]). Id-dritt għad-diżattivazzjoni tat-tikketti ta' l-RFID jissodisfa l-għanijiet li tiġi żgurata s-sigurtà ta' l-informazzjoni, jiġifieri li jiġi żgurat li d-data pproċessata permezz tat-tikketti ta' l-RFID ma tkunx żvelata lil partijiet terzi mhux mixtieqa.

— Id-dritt ta' l-individwi li ma jkunux soġġetti għal deċiżjonijiet negattivi bbażati biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat ta' profil personalizzat definit.

44. F'dak li jirrigwarda d-dritt għall-informazzjoni, il-gwida għandha tistabbilixxi li l-individwi għandhom jingħataw informazzjoni rigward l-ipproċessar tad-data personali tagħhom. B'mod partikolari għandha tissejjaħ l-attenzjoni tagħhom, fost affarjiet oħra, (i) għall-preżenza tal-qarrejja u l-preżenza ta' tikketti attivati ta' l-RFID fuq il-prodotti jew l-imballaġ tagħhom; (ii) għall-konsegwenzi ta' tali preżenza f'termini ta' informazzjoni miġbura, u (iii) għall-għanijiet li għalihom l-informazzjoni miġbura hija maħsuba li tintuża.

45. L-użu ta' logos jista' jkun adatt bħala miżura biex tingħata l-informazzjoni. Jistgħu jintużaw logos biex issir sejħa għall-attenzjoni dwar il-preżenza ta' qarrejja u tikketti ta' l-RFID li suppost jibqgħu attivi. Madankollu, l-użu biss ta' logos mhux ser ikun biżżejjed biex jiġi żgurat l-ipproċessar ġust ta' l-informazzjoni li jeħtieġ li l-informazzjoni tingħata lis-suġġetti tad-data b'mod ċara u komprensibbli. L-użu tal-logos għandu jitqies bħala miżura ta' suppliment għall-provvista ta' aktar informazzjoni dettaljata.

([1]) Ara, aktar fid-dettall, il-paragrafi 46-50 ta' din l-Opinjoni.

**Il-pedament: Il-prinċipju Opt-in**

46. Għall-applikazzjonijiet rilevanti kollha ta' l-RFID, is-soluzzjonijiet għandhom jirrispettaw u jimplimentaw bħala prerekwiżit, il-priċipju opt-in fil-punt tal-bejgħ. Ikun illegali li t-tikketti ta' l-RFID ikunu jistgħu jkomplu jittrasmettu informazzjoni wara l-punt tal-bejgħ ħlief meta l-kontrollur tad-data ma kellux raġunijiet legali adatti. Ir-raġunijiet legali adatti nomalment ikunu biss (a) il-kunsens tas-suġġett tad-data jew (b) jekk tali żvelar kien meħtieġ biex jingħata servizz, talba speċifika u libera mill-individwu msemmi ([1]). Iż-żewġ raġunijiet legali ikunu mbagħad jikkwalifikaw għal "opt in".

47. Skond il-prinċipju ta' l-'opt-in', it-tikketti għandhom jiġu diżattivati fil-punt tal-bejgħ ħlief jekk l-individwu li jkun xtara l-prodott li miegħu t-tikketta hija meħmuża jkun xtaq li jħalliha attiva. Billi jeżerċita d-dritt li jħalliha attiva, l-individwu jkun qed jaċċetta l-ipproċessar ulterjuri tad-data tiegħu/tagħha, per eżempju, għat-trasmissjoni tad-data lill-qarrej fiż-żjara li jmiss tiegħu jew tagħha lill-kontrollur tad-data.

48. Sabiex ilaħħaq maż-żieda fid-diversità ta' l-applikazzjoni ta' l-RFID u biex jiffaċilita l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju innovattivi ġodda, il-KEPD jenfasizza l-importanza ta' approċċ flessibbli. Għandu jkun hemm l-flessibbiltà firrigward ta' l-implimentazzjoni tal-prinċipju opt-in.

49. L-għażliet biex jiġi implimentat il-prinċipju "opt-in" huma multipliċi. Per eżempju, bħala alternattiva għat-tneħħija tattikketta, jista' jkun previst li t-tikketta tiġi bblokkata, temporanjament disattivata jew bħala segwitu ta' mudell tal-politika dwar is-sigurtà msejjħa resurrecting ducking model ([2]), żgurata ma' utent speċifiku. Fil-każ ta' tikketta b'ċiklu ta' ħajja qasira, l-indirizz tat-tikketta li jindika l-informazzjoni maħżuna fil-bażi tad-data tista' wkoll titħassar mill-bażi taddata ta' referenza u jiġi evitat aktar ipproċċessar ta' data addizzjonali miġbura bit-tikketta.

50. Fl-aħħarnett, għalkemm il-KEDP jargumenta li l-"prinċipjuopt-in" fil-punt tal-bejgħ hu obbligu legali li diġà jeżisti taħt id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data f'bosta sitwazzjonijiet, hemm raġunijiet tajbin biex dan l-obbligu jkun speċifikat fl-istrumenti awto-regolatorji, ukoll biex jiġi żgurat li l-prinċipju ser jiġi implimentat fil-mod l-aktar adatt. L-implimentazzjoni speċifika hi kwalunkwe avveniment għal dawk l-applikazzjonijiet ta' l-RFID li jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

**Il-ħtieġa għal "privacy by design"**

51. Biex jiġi imminimizzat it-theddid għall-protezzjoni tal-privatezza u d-data, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tendorsja parzjalment 3.2, paġna 6, l-idea ta' l-ispeċifikazzjoni u l-adozzjoni tal-kriterji bikrija ta' disinn. Il-KEDP jilqa' dan l-approċċ. Tassew, l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u kriterji ta' disinn, imsejħa wkoll l-Aħjar Tekniki Disponibbli ("BATs"), ser tikkontribwixxi b'mod effiċjenti għar-regolamentazzjoni u l-ħtiġiet tas-sigurtà għall-protezzjoni taddata. Din l-identifikazzjoni ta' kriterji teknoloġiċi u organizzattivi, jekk riveduta ta' sikwit, ser issaħħaħ il-mudell ta' simbjożi tal-ħtiġiet tas-sigurtà u l-privatezza li qed tiżviluppa l-Unjoni Ewropea.

52. Id-definizzjoni korretta ta' BATs tal-privatezza u s-sigurtà għas-sistemi ta' l-RFID ser ukoll tkun deċisiva biex jinbena ambjent affidabbli li ser isaħħaħ l-aċċettazzjoni wiesgħa tagħhom mill-utenti, kif ukoll għall-kompetittività ta' l-industrija Ewropea.

53. Il-proċess għall-għażla ta' BATs għas-sistemi ta' l-RFID għandu jkun mibni fuq valutazzjonijiet ta' l-impatt tal-privatezza u s-sigurtà li għalihom għad jeħtieġu jsiru sforzi. Il-KEDP jikkunsidra li l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) flimkien maċ-Ċentri Konġunti għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea assoċjati mal-partijiet interessati rilevanti ta' l-industrija jistgħu jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni ta' dawn l-aħjar prattiki u għall-iżvilupp ta' tali metodoloġiji. Bit-tnedija reċenti tal-proġett "Linji gwida tekniċi RFID" l-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sigurtà ta' l-Informazzjoni (BSI) ta eżempju illustrattiv korrett ([3]) ta' BATs li għandhom jiġu żviluppati issa fil-livell Ewropew.

54. L-istandards ukoll jistgħu jkollhom rwol deċiżiv fl-adozzjoni bikrija tal-prinċipju "privacy-by-design" Il-Kummissjoni għalhekk għandha tikkontribwixxi għall-adozzjoni ta' salvagwardji għall-protezzjoni tal-privatezza u d-data fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' l-RFID. Il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 fid-dokument ta' ħidma ([4]) dwar l-RFID juri biċ-ċar il-possibbiltà li għandhom l-istandards biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp favur il-privatezza tas-sistemi ta' l-RFID.

([1]) F'uħud mill-applikazzjonijiet ta' l-RFID, jista' jkun possibbli li sserraħ fuq raġunijiet oħra, per eżempju l-Artikolu 7f (interessi leġittimi tal-kontrollur, soġġett għal salvagwardji adegwati).

([2]) L-isem ta' dan il-mudell żviluppat minn Frank Stajano u Ross Anderson mill-Università ta' Cambridge kien inspirat minn "kif fellusa ta' wiżża li għadha kemm tfaqqas tassumi li l-ewwel oġġett mobbli li tara tahsbu ommha".

([3]) http://www.bsi.bund.de/veranst/rfid/index.htm

([4]) Dokument ta' ħidma (WP 105) dwar il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data marbutin mat-teknoloġija ta' l-RFID, 19 ta' Jannar 2005.

55. Barra minn hekk, il-KEDP jilqa' l-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni rigward ir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji ta' l-RFID u l-ħtieġa li jitrażżnu r-riskji għall-privatezza. Tassew, il-prinċipju "privacy-by-design" jeħtieġ jiġi introdott fl-istadju l-aktar bikri ta' l-iżvilupp tat-teknoloġiji li jikkontribwixxi aħjar għall-konformità tagħhom mal-qafas legali dwar il-protezzjoni tad-data. Il-KEDP, kif ippreżentat fil-qosor fir-Rapport Annwali 2006 tiegħu ser jassoċja lilu nnifsu ma' dan l-isforz billi jipprovdi, każ b'każ, opinjonijiet u pariri għall-proġetti tas-Seba' Programm Qafas (2007-2013).

V. **HEMM ĦTIEĠA TA' MIŻURI LEĠISLATTIVI SPEĊIFIĊI?**

56. L-awto-regolamentazzjoni tista' ma tkunx biżżejjed bħala mezz għall-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas eżistenti għall-protezzjoni u l-privatezza tad-data. Anke jekk l-awto-regolamentazzjoni tissodisfa l-ħtiġiet imsemmija hawn fuq, l-applikazzjoni tagħha hi volontarja u n-non-konformità tagħha mhux dejjem tkun tista' tiġi sanzjonata effettivament. Barra minn hekk, jista' jkunu għadhom jenħtieġu miżuri leġislattivi vinkolanti, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt individwali għall-protezzjoni tal-privatezza u d-data. Dan ikun dejjem aktar jenħtieġ fil-każ ta' nuqqas ta' l-approċċ awto-regolatorju.

57. Kwistjoni ewlenija hi d-determinazzjoni ta' l-istrumenti legali meħtieġa biex jiġi żgurat li l-applikazzjonijiet ta' l-RFID jitwettqu effettivament permezz tas-soluzzjonijiet tekniċi meħtieġa biex jiġu evitati jew imminimizzati r-riskji għall-protezzjoni tal-privatezza u d-data, u li l-kontrollaturi responsabbli jieħu miżuri adegwati biex ikunu konformi ma' l-obbligi tagħhom skond il-qafas legali eżistenti. Dan iqajjem xi mistoqsijiet addizzjonali:

— hemm ħtieġa għal regoli speċifiċi?

— jekk dan hu l-każ, dawn ir-regoli jistgħu jiġu adottati fil-qafas leġislattiv eżistenti, per eżempju billi jsir użu mill-proċeduri ta' kumitat eżistenti?

— jew jenħtieġ strument legali ġdid biex jiġi żgurat it-twettiq effettiv ta' l-applikazzjoni ta' RFID b'tekonoliġi li jsaħħu l-privatezzi inkorporati.

58. Dan il-kapitolu ser jindirizza l-possibbiltajiet li fil-qafas legali eżistenti, jinħarġu miżuri leġislattivi vinkolanti, filwaqt li l-Kapitolu VI ser jiddiskuti, minħabba li hu kwistjoni apparti, il-ħtieġa ta' strument leġislattiv ġdid.

59. L-ewwelnett, għandha tingħata attenzjoni speċifika lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE, l-Artikolu 14 (3) tad-Direttiva 2002/58/KE u l-Artikolu 3 (3) (c) tad-Direttiva 99/5/KE. L-Artikolu 14 (3) jippermetti lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jiżguraw li t-tagħmir terminali hu mibni b'tali mod li jkun kompatibbli mad-dritt ta' l-utenti li jipproteġu u jikkontrollaw l-użu tad-data personali tagħhom, skond id-Direttiva 99/5/KE ([1]). Id-Direttiva 99/5/KE tipprevedi fl-Artikolu 3 (3) (c) tagħha li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi — bi proċedura ta' kumitat — l-apparat f'ċerti klassijiet ta' tagħmir jew l-apparat ta' tipi partikolari għandhom jibnew b'tali mod li jkunu jinkorporaw salvagwrdji biex ikun żgurat li d-data personali u l-privatezza ta' l-utent u ta' l-abbonat ikunu protetti. L-Artikolu 3 (3) (c) tad-Direttiva 99/5/KE s'issa għadu ma ntużax.

60. Dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-leġislatur — fil-livell nazzjonali u fil-livell Komunitarju — is-setgħa biex jippreskrivi li s-salvagwarji għall-protezzjoni tal-privatezza u d-data għandhom ikunu inklużi fil-manifatturar tas-sistemi ta' l-RFID, kunċett li hu magħruf bħala 'privacy by design' ([2]). Tappella wkoll għall-użu ta' l-Aħjar Tekniki Disponibbli.

61. Sabiex l-użu tal-kunċett "privacy by design" ikun obbligatorju, l-KEDP jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża l-mekkaniżmu ta' l-Artikolu 3 (3) (c) tad-Direttiva 99/5/KE, f'konsultazzjoni mal-Grupp Espert ta' l-RFID.

62. It-tieninett, hu possibbli li l-applikazzjoni tal-qafas leġislattiv eżistenti għall-RFID jiġi speċifikat, permezz ta' modifiki għad-direttivi stess. Kif imsemmi, il-Kummissjoni għadha kif ippreżentat proposta biex tiġi emendata d-Diretta dwar il-Privatezza Elettronika li fiha dispożizzjoni ġdida b'din il-perspettiva. Il-KEDP jilqa' l-ewwel konferma dwar l-applikabbiltà tad-direttiva għall-applikazzjonijiet ta' l-RFID. Il-KEDP ser jittratta kwistjonijiet speċifiċi mqajma mir-rabta bejn id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-RFID fl-opinjoni tiegħu dwar il-proposta għall-emenda, li ser tinħareġ fil-bidu ta' l-2008.

63. B'kont meħud li l-Kummissjoni ma tipprevedi l-ebda modifika għad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data fil-futur qarib ([3]), il-possibbiltajiet għall-ispeċifikazzjoni fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-qafas leġislattiv eżistenti għall-RFID huma limitati.

VI. **HEMM ĦTIEĠA TA' QAFAS LEGALI SPEĊIFIKU DWAR L-RFID?**

**Intenzjonijiet tal-Kummissjoni**

64. Il-Komunikazzjoni ([4]) tenfasizza l-importanza tas-sigurtà u tal-privacy-by design. Hija titlob ukoll l-involviment tal-partijiet interessati kollha. Ir-riżultat prinċipali ta' l-attivitajiet

([1]) U skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet (ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31).
([2]) Ara Kapitolu IV.
([3]) Il-KEDP jappoġġa dan l-approċċ, ara l-punti 64
([4]) Ara l-paragrafu 4.1 tal-Komunikazzjoni.

tal-Kummissjoni ser ikun "Rakkomandazzjoni mniżżla fil-prinċipji li l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħrajn għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-użu mill-RFID". Ir-Rakkomandazzjoni probabbilment ser tiġi adotta fir-rebbiegħa ta' l-2008. L-ambizzjonijiet leġislattivi msemmija fil-Komunikazzjoni fihom żewġ passi. Il-Kummissjoni ser:

— Tikkunsidra dispożizzjonijiet adatti dwar l-RFID fil-proposta li jmiss għal emenda tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika. Kif imsemmi qabel, il-Kummissjoni pproponiet tali emenda għad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika f'Novembru 2007, fejn ikkonfermat l-applikabbiltà tad-direttiva għall-applikazzjonijiet ta' l-RFID [1], iżda ma pproponietx li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jiġi estiż għan-netwerks privati.

— Tivvaluta l-ħtieġa għal aktar passi leġislattivi biex jiġu salvagwardjati l-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

65. Bħala segwitu għal din il-linja politika, jista' jkun mistenni li l-Kummissjoni ma tipprevedix — ta' l-anqas mhux għall-perijodu qasir — li tipproponi leġislazzjoni speċifika ġdida biex jiġu salvagwardjati l-protezzjoni tad-data u l-privatezza fil-qasam ta' l-RFID.

### Parametri għal-leġislatur

66. Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, il-KEDP elenka xi punti dwar attivitajiet leġislattivi rigward l-ipproċessar tad-data personali li jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

— L-ewwelnet, il-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-data għandhom jinżammu:"M'hemm l-ebda bżonn għal prinċipji ġodda, iżda hemm ħtieġa ċara għal arranġamenti amministrattivi oħrajn, li huma minn naħa l-waħda effettivi u adatti għal soċjetà f'netwerk u minn naħa l-oħra jimminimizzaw l-ispejjeż amministrattivi." [2]

— It-tieninett, il-proposti leġislattivi għandhom jiġu ppreżentati biss jekk il-ħtieġa u l-proporzjonalità jintwerew b'mod suffiċjenti. Għal din r-raġjuni, għall-perijodu qasir il-qafas leġislattiv ġenerali għall-protezzjoni tad-data m'għandux jinbidel.

— It-tieletnett, l-iżviluppi dejjem jinbidlu fis-soċjetà jistgħu jwasslu għal oqsfa legali speċifiċi, biex il-prinċipji tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data jiġu adattati għal kwistjonijiet mqajma minn teknoloġiji speċifiċi bħall-RFID. Huwa ċar li anke f'dan il-kuntest jeħtieġ li jintlaħqu l-kondizzjonijiet tal-ħtieġa u l-proporzjonalità.

([1]) Ara l-Arikolu l-ġdid propost għad-Direttiva 2002/58.
([2]) Punt 24 ta' l-Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

67. Bħala pass ieħor jeħtieġ li jiġu speċifikati l-aspettattivi tal-leġislatur ikollu jiffaċċa fil-qasam ta' l-RFID:

— Il-leġislazzjoni teħtieġ tkun flessibbli u tħalli post għall-innovazzjonijiet u l-iżvilupp teknoloġiku. Dan għandu jwassal għal-leġislazzjoni li tkun suffiċjentement teknoloġikament newtrali.

— It-tieninett, il-leġislazzjoni teħtieġ li tipprevedi ċertezza legali. Dan għandu jwassal għal-leġislazzjoni li tkun suffiċjentement speċifika. Il-partijiet interessati għandhom ikunu jafu preċiżament kif jiġi rregolat il-komportament tagħhom.

— It-tieletnett, il-leġislazzjoni għandha b'mod effettiv tipproteġi l-interessi ġustifikati kollha li hemm involuti. Dan jeħtieġ fi kwalunkwe avveniment rinfurzar tal-leġislazzjoni u definizzjoni ċara tar-responsabbilitajiet: liema parti hi responsabbli għal liema komportament? [3] Dawn il-ħtiġiet huma saħansitra aktar predominanti fejn hemm involuti l-protezzjoni tal-privatezza u d-data, id-drittijiet fundamentali ta' l-individwu skond il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

### Punt di vista tal-KEDP

68. Għall-KEDP, hu ċar li mhux l-iżviluppi teknoloġiċi kollha għandhom iwasslu għal reazzjonijiet mil-leġislatur Ewropew. L-iżviluppi teknoloġiċi jistgħu jseħħu malajr ħafna, filwaqt li l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni jieħdu ż-żmien u għandhom jieħdu ż-żmien. Il-leġislazzjoni għandha tkun ir-riżultat tal-bilanċ ta' l-interessi kollha involuti. Meta l-istrument ta' direttiva jintagħżel, jeħtieġ aktar żmien, peress li d-direttivi għandhom jiġu implimentati totalment fis-sistemi legali ta' l-Istati Membri.

69. Madankollu, l-RFID mhuwiex sempliċiment żvilupp teknoloġiku ieħor kif ġie ssottolinjat f'diversi partijiet ta' din l-opinjoni. Il-Komunikazzjoni tirreferi għall-RFID bħala l-portal għal fażi ġdida ta' l-iżvilupp tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, spiss imsejħa bħala l-"interenet ta' l-affarijiet" u t-tikketti ta' l-RFID ser jikkostitwixxu l-elementi ewlenin ta' l-ambjenti "ambient intelligent". Dawn l-ambjenti huma wkoll passi importanti fl-iżvilupp ta' dik spiss imsejħa s-"Soċjetà ta' Sorveljanza" [4]. L-azzjoni leġislattiva fil-qasam ta' l-RFID tista' tiġi ġġustifikata fuq dan l-isfond. L-RFID tista' twassal għal bidla kwalitattiva.

([3]) Fit-terminoloġija tal-protezzjoni tad-data dan jimplika l-identifikazzjoni tal-"kontrollur tad-data".
([4]) Dan il-messaġġ ġie rrepetut f'dikjarazzjoni ta' l-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-data adottata f'Londra fit-2 ta' Novembru 2006 disponibbli fil-websajt tal-KEDP:
http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/edps/lang/en/pid/51

70. F'din il-perspettiva, l-KEDP jirrakkomanda l-konsiderazzjoni ta' l-adozzjoni ta' (proposta għal) leġislazzjoni Komunitarja li tirregola l-kwistjonijiet prinċipali ta' l-użu ta' l-RFID fis-setturi rilevanti, f'każ li tonqos l-implimentazzjoni korretta tal-qafas legali eżistenti. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, tali miżura leġislativa għandha tkun ikkunsidrata bħala "lex specialis" vis-sa-vis il-qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-data.

71. L-adozzjoni ta' tali strument leġislattiv ikollha l-vantaġġi li ġejjin:

— L-istrument jista' jistabbilixxi l-parametri sostantivi għall-mekkaniżmi awto-regolatorji.

— Il-perspettiva ta' l-adozzjoni ta' strument leġislattiv tista' tkun inċentiv effettiv għall-partijiet interessati biex jistabbilixxu mekkaniżmi awto-regolatorji li joffru protezzjoni preċiża.

72. Għal mod aktar prattiku, il-Kummissjoni tista' tintalab biex tħejji dokument ta' konsultazzjoni dwar il-punti favur u kontra l-leġislazzjoni speċifika, u ta' l-elementi prinċipali ta' tali leġislazzjoni. Ovvjament, il-partijiet interessati jistgħu jintalbu jagħmlu input għal din il-konsultazzjoni. Bl-istess mod, il-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 jista' jiġi involut.

**Modalitajiet possibbli**

73. L-intervent tal-leġislatur jista' jipprovdi għal qafas legali mfassal apposta, li jikkonsisti minn għodod regolatorji mħalltin li jispeċifikaw u jikkomplimentaw il-qafas legali eżistenti. Dan il-qafas legali mfassal apposta għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji magħrufin tal-protezzjoni tad-data u għandu jiffoka fuq it-tqassim tar-responsabbiltajiet u fuq l-effettività tal-mekkaniżmi tal-kontroll.

74. Raġuni speċifika li għaliha tista' tkun meħtieġa tali legislazzjoni mfassla apposta hi marbuta mal-fatt li mhux l-applikazzjonijiet ta' l-RFID kollha jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali. Fi kliem ieħor, jekk l-applikazzjonijiet ta' l-RFID ma jinvolvux l-ipproċessar tad-data personali, il-partijiet involuti fil-manifatturar u l-bejgħ ta' prodotti attrezzati bl-RFID mhumiex marbutin legalment li jimplimentaw kwalunkwe miżura teknoloġika li tipprevjeni s-smigħ sigriet attiv jew l-istabbiliment ta' qarrejja mingħajr avviż korrett lill-individwi. Madankollu, kif intwera, ir-riskji għall-privatezza li rriżultaw mis-sorveljanza possibbli ta' l-individwi jeżistu wkoll għal tali applikazzjonijiet ta' l-RFID, u għalhekk jeħtieġu l-istess tip ta' salvagwardja għall-privatezza. Preċiżament, dan jista' jkun il-każ għat-tikkettar fuq il-livell ta' l-oġġetti fil-prodotti għall-konsumatur qabel il-punt tal-bejgħ. Fil-qosor, l-applikazzjonijiet ta' l-RFID li ma jipproċessawx id-data personali jistgħu jibqgħu jheddu l-privatezza ta' l-individwu billi jippermettu sorveljanza bil-moħbi u l-użu ta' l-informazzjoni għall-finijiet inaċċettabbli.

75. Il-KEDP jikkunsidra li dan l-eżitu negattiv għandu jiġi evitat. Minħabba li l-leġislazzjoni attwali parzjalment — ta' l-anqas għall-applikazzjonijiet ta' l-RFID li ma jipproċessawx id-data personali — tonqos li tbatti din it-theddida għall-privatezza, u b'kont meħud tan-nuqqasijiet tas-soluzzjonijiet tal-liġi flessibbli, jidher li hu meħtieġ l-użu ta' miżuri leġislattivi obbligatorji biex jiġi żgurat riżultat sodisfaċenti.

76. Tali miżuri fi kwalunkwe każ għandhom:

— jistabbilixxu l-prinċipju "opt-in" fil-punt tal-bejgħ bħala obbligu preċiż u irrifjutabbilment legali, ukoll għall-applikazzjonijiet ta' l-RFID li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data ([1]).

— jiżguraw it-twettiq mandatorju ta' l-applikazzjonijiet ta' l-RFID bil-karatteristiċi tekniċi adatti jew bi "privacy by design".

## VII. IL-KWISTJONI TA' GOVERNANZA

77. Għalkemm id-dimensjoni "intrisikament trans-konfini" tas-sistemi ta' l-RFID hi meqjusa fil-Komunikazzjoni biss fis-Suq Intern, il-KEDP jikkunsidra li din id-dimensjoni għandha tiġi ttrattata fuq livell aktar internazzjonali. F'ħanut, is-sistemi ta' l-RFID huma diġà "trans-konfini" minħabba li l-attività tat-tikketta tista' ma tieqafx fil-punt tal-bejgħ. Fil-livell tas-sistema ġenerali ta' l-RFID, dawn it-teknoloġiji ukoll isiru "trans-konfini" meta jista' jseħħ it-trasferiment tad-data personali għal pajjiż terz bħala l-produttur ta' l-oġġett tikkettat, li hi parti mis-sistema ta' l-RFID, hu bbażat barra mill-Unjoni Ewropea ([2]).

78. Minn punt di vista aktar prospettiv, il-governanza tal-bażijiet tad-data ta' l-RFID ta' referenza għall-identità wkoll tirrappreżenta dimensjoni kritika għar-rinfurzar adatt tal-qafas legali Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data. Il-KEDP iħeġġeġ biex tinstab soluzzjoni minħabba li aktar erożjoni ta' dan il-qafas mhijiex aċċettabbli.

79. Il-KEDP jipprevedi l-kwistjoni ta' governanza ta' l-RFID bħala sfida maġġuri li ser teħtieġ investimenti konsiderevoli. Għandu jinstab il-forum korrett ta' negozjar kif ukoll l-infrastruttura ta' ġestjoni l-aktar adatta biex ikun żgurat li d-drittijiet għall-protezzjoni tad-data jkunu adegwatament rispettati f'dawn l-ambjenti internazzjonali.

---

([1]) Kapitolu IV argumenta li l-prinċipju 'opt-in' fil-punt tal-bejgħ hu obbligu legali li diġà jeżisti skond id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

([2]) L-obbligi madwar it-transferiment tad-data personali huma ttratti fl-Artikolu 25 u 26 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

80. F'din il-perspettiva, il-KEDP jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar il-kwistjoni ta' governanza, possibbilment f'konsultazzjoni mal-Grupp tal-Parijiet Interessati-RFID.

## VIII. **KONKLUŻJONI**

81. Il-KEPD jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-RFID minħabba li hija tittratta l-kwistjonijiet ewlenin li jinqalgħu fil-kuntest ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-RFID mingħajr ma jitwarrbu dawk determinanti relatati mal-protezzjoni tal-privatezza u d-data. Huwa jaqbel mal-fehma li s-sistemi ta' l-RFID jistgħu jkollhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni normalment imsejħa l-"Internet ta' l-affarijiet".

### Kjarifika tal-konsegwenzi

82. L-użu wiesgħa tat-teknolġija-RFID huwa fundamentalment ġdid u jista' jkollu impatt fundamentali fuq is-soċjeta tagħna u fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tagħna, bħall-protezzjoni tad-data u l-privatezza. L-RFID tista' twassal għal bidla kwalitattiva.

83. Jistgħu jiġu kklasifikati ħames kwistjonijiet bażiċi dwar il-privatezza u s-sigurtà:

— L-identifikazzjoni tas-suġġett tad-data.

— L-identifikazzjoni tal-kontrollur(i) tad-data.

— It-tnaqqis fit-tifsira tad-distinzjoni tradizzjonali bejn l-isfera personali u dik pubblika.

— Il-konsegwenzi tad-daqs u l-karatteristiċi fiżiċi tat-tikketti ta' l-RFID.

— In-nuqqas ta' trasparenza ta' l-ipproċessar.

### Speċifikar tal-konsegwenzi

84. Il-qafas leġislattiv ġenerali għall-protezzjoni tad-data kif stabbilit fid-Direttiva 95/46/KE japplika għall-RFID, dment li d-data pproċessata minn sistemi ta' l-RFID taqa' fid-definizzjoni tad- data personali.

85. Safejn hi kkonċernata d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika: il-Proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2007 biex tiġi emendata d-direttiva fiha dispożizzjoni li timmira lejn l-ispeċifikar li d-Direttiva tapplika tabilħaqq għal ċerti applikazzjonijiet ta' l-RFID. Madankollu, ċerti applikazzjonijiet oħrajn ta' l-RFID jistgħu ma jkunux koperti minħabba l-limitazzjoni ta' din id-direttiva għall-ipproċessar tad-data personali b'rabta mal-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubblikament disponibbli f'netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi.

86. Il-protezzjoni tad-data personali tista' tkun ikkomplimentata b'firxa ta' strumenti awto-regolatorji. Hu adatt li jitħalla post għal tali awto-regolamentazzjoni, dment li:

— Tipprovdi gwida konkreta u prattika dwar tipi speċifiċi ta' l-applikazzjonijiet ta' l-RFID.

— Tittratta mal-kwistjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data li jinqalgħu fil-kuntest ta' l-applikazzjonijiet ġeneriċi ta' l-RFID.

— Tikkontribwixxi għall-applikazzjoni uniformi u armonizzata tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data fl-UE kollha.

— Tiġi applikata mill-partijiet interessati rilevanti kollha.

87. Il-KEPD jirrakkomanda li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti ta' l-RFID, tipproduċu dokument wieħed jew iżjed li jagħtu gwida ċara dwar kif jiġi applikat il-qafas legali attwali għall-ambjent ta' l-RFID.

88. Il-gwida li tistabbilixxi l-prinċipji li japplikaw fir-rigward ta' l-użu ta' l-RFID għandha tkun iffokata biżżejjed u tadotta approċċ speċifiku għas-settur. Barra minn hekk, il-linji gwida għandhom jipproponu metodi prattiċi u effiċjenti biex jiġu żviluppati *tekniki u standards* li jistgħu jikkontribwixxu għall-konformità tas-sistema ta' l-RFID mal-qafas legali tal-protezzjoni tad-data u li ser jinvolvi l-użu tat-teknoloġija "privacy by design".

89. Il-KEDP jilqa' l-approċċ fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex tiġi endorsjata l-idea ta' l-ispeċifikazzjoni u l-adozzjoni tal-kriterji bikrija ta' disinn.

90. Għalkemm il-KEDP jikkunsidra l-prinċipju 'opt-in' fil-punt tal-bejgħ bħala obbligu legali li diġà jeżisti skond id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data f'bosta sitwazzjonijiet, dan l-obbligu għandu jkun speċifikat fl-istrumenti awto-regolatorji.

### Hemm ħtieġa ta' miżuri speċifiċi?

91. Sabiex l-użu tal-kunċett "privacy by design" ikun obbligatorju, l-KEDP jirrakkomanda li l-Kummissjoni tuża l-mekkaniżmu ta' l-Artikolu 3 (3) (c) tad-Direttiva 99/5/KE, f'konsultazzjoni mal-Grupp Espert ta' l-RFID.

92. Il-KEDP jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-adozzjoni ta' (proposta għal) leġislazzjoni Komunitarja li tirregola l-kwistjonijiet prinċipali ta' l-użu ta' l-RFID fis-setturi rilevanti, f'każ li tonqos l-implimentazzjoni korretta tal-qafas legali eżistenti. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, tali miżura leġislattiva għandha tkun ikkunsidrata bħala "lex specialis" vis-savis il-qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-data. Din il-miżura leġislattiva għandha wkoll tindirizza t-tħassib dwar il-protezzjoni tal-privatezza u d-data li jirriżultaw minn ċerti applikazzjonijiet ta' l-RFID, bħat-tikkettar fuq livell ta' l-oġġett qabel il-punt tal-bejgħ, li ma jinvolvix neċessarjament l-ipproċessar tad-data personali.

93. Il-Kummissjoni għandha tipprepara dokument ta' konsultazzjoni dwar il-punti favur u kontra l-leġislazzjoni speċifika, u ta' l-elementi prinċipali ta' tali leġislazzjoni.

94. L-intervent tal-leġislatur jista' jipprevedi qafas legali mfassal apposta, li jikkonsisti minn għodod regolatorji mħalltin li jispeċifikaw u jikkomplimentaw il-qafas legali eżistenti. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri għandhom:

— jistabbilixxu l-prinċipju "opt-in" fil-punt tal-bejgħ bħala obbligu preċiż u irrifjutabbilment legali, ukoll għall-applikazzjonijiet ta' l-RFID li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data ([1]).

— jiżguraw it-twettiq mandatorju ta' l-applikazzjonijiet ta' l-RFID bil-karatteristiċi tekniċi adatti jew bi 'privacy by design'.

**Il-kwistjoni ta' governanza**

95. Il-KEDP jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar il-kwistjoni ta' governanza, possibbilment f'konsultazzjoni mal-Grupp tal-Partijiet Interessati ta' l-RFID.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

([1]) Kapitolu IV argumenta li l-prinċipju "opt-in" fil-punt tal-bejgħ hu obbligu legali li diġà jeżisti skond id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2008/C 101/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 23.10.2007 |
| Numru ta' referenza ta' l-għajnuna | N 140/07 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċċjarju) | Animal Welfare, Recording and Breeding Scheme for Suckler Herds |
| Bażi ġuridika | National Development Plan 2007-2013<br>Ireland's National Rural Development Strategy 2007-2013 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Għajnuna għall-impenji tas-saħħa tal-annimali |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidji diretti |
| Baġit | Baġit totali ta' EUR 235 miljun |
| Intensità | — |
| Tul ta' żmien | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Department of Agriculture and Food<br>Agriculture House, Kildare Street<br>Dublin 2<br>Ireland |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 5.12.2007 |
| Numru ta' referenza ta' l-għajnuna | N 363/07 |
| Stat Membru | Il-Litwanja |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċċjarju) | Parama perkant naudotą įrangą linų sektoriuje |
| Bażi ġuridika | — Lietuvos Respublikos žemės ūkio ir kaimo plėtros įstatymo (Žin., 2002, Nr. 72-3009) 19 straipsnio 2 dalis;<br>— Paramos teikimo už perkamą iš ES padėvėtų linų sektoriaus techniką taisyklių projektas |
| Tip ta' miżura | Għajnuna għall-investiment fil-produzzjoni u l-ipproċessar fl-agrikoltura |
| Għan | Żvilupp settorjali |
| Forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta, sussidju tar-rata ta' l-interess, ħlas ta' garanziji |
| Baġit | Baġit totali: LTL 20 000 000 |
| Intensità | 40 %-50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli |
| Tul ta' żmien | Sitt snin wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur ta' l-agrikoltura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Lietuvos Respublikos žemės ūkio ministerija<br>Gedimino pr. 19<br>LT-01103 Vilnius |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 29.10.2007 |
| Numru ta' l-għajnuna | N 526/07 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Piemonte |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Interventi nelle zone agricole colpite da avverse condizioni atmosferiche (piogge torrenziali dal 29 maggio 2007 al 5 giugno 2007 nelle province di Asti e Cuneo) |
| Bażi ġuridika | Decreto legislativo n. 102/2004 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Għan | Kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidji |
| Baġit | Ara l-fajl NN 54/A/04 |
| Intensità | Sa 100 % ta' l-ispejjeż reali |
| Tul ta' żmien | Sa tmiem il-ħlasijiet |

| | |
|---|---|
| Setturi ekonomiċi | L-agrikoltura |
| L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li taghti l-għajnuna | Ministero delle Politiche agricole agroalimentari e forestali<br>Via XX Settembre, 20<br>I-00187 Roma |
| Informazzjoni ohra | Miżura ta' applikazzjoni ta' skema approvata mill-Kummissjoni fil-qafas tal-fajl ta' l-għajnuna mill-Istat NN 54/A/04 (Ittra lill-Kummissjoni C(2005) 1622 final, tas-7 ta' Ġunju 2005) |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 28.11.2007 |
| Numru ta' l-għajnuna | N 540/07 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Indemnités compensatoires de contrainte environnementale |
| Bażi legali | Décret 2007-882 du 14 mai 2007 et décret 2007-1281 du 29 août 2007 |
| It-tip ta' miżura | Skema |
| Ghan | Protezzjoni ta' l-ambjent |
| Forma ta' l-għajnuna | Għotjiet |
| Baġit | EUR 42 000 000 |
| Intensità | Indenniet li jonqsu progressivament |
| Tul ta' żmien | 5 snin |
| Setturi ekonomiċi | L-agrikoltura |
| L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità konċessjonarja | Ministère de l'agriculture et de la pêche<br>Direction générale de la forêt et des affaires rurales<br>78, rue de Varenne<br>F-75349 Paris 07 SP |
| Tagħrif iehor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 4.12.2007 |
| Nru ta' l-għajnuna | N 559/07 |
| Stat Membru | Ċipru |
| Reġjun | Municipalities of Amiantos, Palentri, Moniatis and Sykopetra/Δήμοι Αμιάντου, Σαΐττά, Πελεντρίου και Συκόπετρας |

| | |
|---|---|
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Compensation programme for the damage caused by the fires that occurred in the regions of Amiantos, Saittas, Palentri, Moniatis and Sykopetra/Σχέδιο παραχώρησης αποζημιώσεων για τις ζημιές από τις πυρκαγιές που ξέσπασαν στις περιοχές Αμιάντου, Σαϊττά, Πελεντρίου, Μονιάτη και Συκόπετρας |
| Bażi ġuridika | Adotta |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Kumpens għat-tiswija tal-ħsarat b'riżultat ta' nirien li jkunu seħħew fir-reġjuni skond l-iskema |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | EUR 1 640 257 |
| Intensità | Sa 100 % għall-kumpens tal-ħsara materjali |
| Tul ta' żmien | 3 snin |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura |
| L-Isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Agriculture Section, Ministry of Agriculture, Natural Resources and the Environment/Τμήμα Γεωργίας του Υπουργείου Γεωργίας, Φυσικών Πόρων και Περιβάλλοντος<br>Leoforos Louki Akrita/Λεωφόρος Λουκή Ακρίτα<br>CY-1412 Nicosia/CY-1412 Λευκωσία |
| Informazzjoni oħra | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2008/C 101/03)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 24.1.2008 |
| Numru ta' referenza ta' l-għajnuna | N 252/06 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Calabria |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Interventi nelle zone agricole colpite da calamità naturali (piogge alluvionali dal 22 al 23 ottobre 2005 nella provincia di Reggio Calabria) |
| Bażi ġuridika | Decreto legislativo n. 102/2004 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Kumpens għal ħsara lill-istrutturi tal-farm b'riżultat ta' temp ħażin |
| Forma ta' l-għajnuna | — |
| Baġit | Ara l-iskema approvata (NN 54/A/04) |
| Intensità | Sa 100 % |
| Tul ta' żmien | Sakemm isir l-aħħar ħlas |
| Setturi ekonomiċi | L-agrikoltura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministero delle Politiche agricole alimentari e forestali<br>Via XX settembre, 20<br>I-00187 Roma |
| Tagħrif ieħor | Miżura li tapplika l-iskema approvata mill-Kummissjoni skond l-għajnuna mill-Istat NN 54/A/04 (Ittra tal-Kummissjoni C(2005) 1622 finali, bid-data tas-7 ta' Ġunju 2005) |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 28.2.2008 |
| Numru ta' l-għajnuna | N 362/07 |
| Stat Membru | Id-Danimarka |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Støtte til juletræer og pyntegrønt |

| | |
|---|---|
| Bażi ġuridika | Skovloven, lov nr. 383 af 7. juni 1989; Bekendtgørelse nr 317 af 28. april 2003 om produktionsafgift på juletræer og pyntegrønt |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | L-iżvilupp tas-settur tas-Siġar tal-Milied u ħaxix aħdar għall-użu dekorattiv |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidju |
| Baġit | DKK 7 000 000 kull sena (madwar EUR 938 338) |
| Intensità | Varjabbli. |
| Tul ta' żmien | Sal-31.12.2012 |
| Setturi ekonomiċi | Il-kodiċi tan-NACE Nru A00112 — Tkabbir tal-ħxejjex, ta' l-ispeċjalitajiet ta' l-ortikultura u tal-prodotti tal-mixtla |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Miljøministeriet, Skov- og Naturstyrelsen<br>Haraldsgade 53<br>DK-2011 København Ø |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 15.1.2008 |
| Numru ta' referenza ta' l-għajnuna | N 529/07 |
| Stat Membru | Ir-Renju Unit |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Agriculture and Horticulture Levy Board — Promotion and Advertising |
| Bażi ġuridika | Sections 87, 88, 89, 90, 91, 93, 94, 96 and 97 of the Natural Environment & Rural Coional Dmmunities Act 2006<br>(Proposal) The [Levy Board UK] Order 2007<br>Part I, section 5 (2)(a) of the Regevelopment Agencies Act 1998<br>Chapter 35, Part I, section 4 of the Enterprise and New Towns (Scotland) Act 1990 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Għan | Appoġġ ta' reklamar u tekniku |
| Forma ta' għajnuna | Provvista ta' servizzi fuq bażi preferenzjali |
| Baġit | GBP 180 miljun (EUR 257.58 miljun) |
| Intensità | Sa 100 % (imposti parafiskali) |
| Tul ta' żmien | Mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2014 |
| Setturi ekonomiċi | L-Agrikoltura |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz ta' l-awtorità li taghti l-ghajnuna | Levy Board UK<br>c/o Department for Environment, Food and Rural Affairs<br>Area 5C<br>Millbank<br>c/o Nobel House<br>London SW1P 3JR<br>United Kingdom |
| Taghrif iehor | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 24.1.2008 |
| Numru ta' l-għajnuna | N 693/07 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Programme d'aides à la collecte et à l'allotement des poulains lourds |
| Bażi ġuridika | Articles L 621-1 et suivants, articles R 621-1 et suivants du Code rural |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | L-għajnuna għandha l-għan li tittejjeb il-kompetittività ta' l-istabbilimenti tat-trobbija. |
| Forma ta' l-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | EUR 2 975 000 |
| Intensità | Ammont għal kull annimal u għal kull raħħal, minn EUR 30 sa EUR 67 |
| Tul ta' żmien | 7 snin |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura |
| L-Isem u l-indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna | Office national interprofessionnel de l'élevage et de ses productions (Office de l'Élevage)<br>80, avenue des Terroirs de France<br>F-75607 Paris Cedex 12 |
| Informazzjoni oħra | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/

**Bidu ta' proċeduri**

**(Każ COMP/M.4980 — ABF/GBI Business)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 101/04)

Fis-16 ta' April 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifika tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jiftaħ it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jistgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (nru tal-fax ((32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4980 — ABF/GBI Business, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
DĠ Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
Rue Joseph II/Jozef II-straat 70
B-1000 Brussell

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5025 — SABMiller/Molson Coors/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 101/05)

Fl-4 ta' April 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32008M5025. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

# KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]
## It-22 ta' April 2008

(2008/C 101/06)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,5931 | TRY | Lira Turka | 2,0865 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 164,43 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6851 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4619 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6039 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79980 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 12,4194 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3605 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,9987 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,6065 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,1529 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 118,33 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 591,91 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9230 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,2010 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 11,1353 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,055 | HRK | Kuna Kroata | 7,2598 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 632,62 |
| HUF | Forint Ungeriż | 251,73 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9999 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 66,512 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6974 | RUB | Rouble Russu | 37,2240 |
| PLN | Zloty Pollakk | 3,4148 | THB | Baht Tajlandiż | 50,103 |
| RON | Leu Rumen | 3,5570 | BRL | Real Brażiljan | 2,6469 |
| SKK | Krona Slovakka | 32,341 | MXN | Peso Messikan | 16,7691 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2007 dwar abbozz ta' deċiżjoni marbuta mal-Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG**

**Relatur: Franza**

(2008/C 101/07)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha l-impriża Syniverse Technologies, Inc takkwista l-kontroll tan-negozju tal-linji bla fili ta' BSG u din tikkostotwixxi konċentrazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u li l-Kummissjoni saret kompetenti biex tirrevedi din il-konċentrazzjoni wara r-riferiment skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li hemm suq rilevanti għall-prodotti ta' servizzi ta' likwidazzjoni tal-*GSM roaming data*.
3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li għall-iskopijiet tal-każ preżenti għadu mhux deċiż jekk is-suq rilevanti ġeografiku għandux ikun ikkunsidrat mifrux maż-ŻEE jew ikunx globali fl-ambitu tiegħu.
4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li l-konċentrazzjoni proposta ma twassalx għal tħassib fir-rigward ta' l-effetti unilaterali.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li l-konċentrazzjoni proposta ma twassalx għal tħassib fir-rigward ta' l-effetti kkoordinati.
6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li l-konċentrazzjoni proposta ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva tas-suq komuni jew parti sostanzjali tiegħu u li għalhekk il-konċentrazzjoni proposta tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE.

# Rapport finali ta' l-Uffiċjal tas-Smigħ fil-Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG

*(Skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza għall-Uffiċjali tas-Smigħ f'ċerti proċedimenti tal-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)*

(2008/C 101/08)

Fil-5 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta li permezz tagħha l-impriża Syniverse Technologies, Inc. (Syniverse), takkwista, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet, il-kontroll tan-negozju tal-linji bla fili ta' Billing Services Group Limited (BSG) permezz ta' xiri ta' ishma.

Wara eżami preliminari tan-notifika, il-Kummissjoni sabet li l-operazzjoni tqajjem dubji serji rigward il-kompatibbiltà mas-suq komuni u l-funzjonament tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, fl-10 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura skond l-Artikolu 6(c) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.

Syniverse ingħatat aċċess għad-dokumenti l-aktar importanti fil-fajl, skond ir-regoli dwar l-Aħjar Prassi għal każijiet ta' amalgamazzjoni, fil-forma ta' verżjonijiet mhux kunfidenzjali tat-tweġibiet ta' partijiet terzi għall-investigazzjoni tas-suq; dawn ġew mogħtija fit-17 ta' Lulju 2007.

Wara investigazzjoni fil-fond tas-suq il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni proposta mhix se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu u għalhekk hija kumpatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE. B'hekk, ma ntbagħtet l-ebda Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-partijiet.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet mill-partijiet jew minn xi parti terza oħra. Il-każ ma jirrikjedix kummenti partikolari rigward id-dritt tas-smigħ.

Brussell, 29 ta' Novembru 2007.

Karen WILLIAMS

# Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

# tal-4 ta' Diċembru 2007

# li tiddikjara konċentrazzjoni bħala kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE

# (Każ COMP/M.4662 — Syniverse/BSG)

**(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 101/09)

*Fl-4 ta' Diċembru 2007 il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Jannar 2004 rigward il-kontroll ta' amalgamazzjonijiet bejn intrapriżi* ([1]), *u partikolarment l-Artikolu 8 (…) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tat-totalità tad-deċiżjoni fil-lingwa awtentika kif ukoll fil-lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni tinsab fis-sit ta' l-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, f'dan l-indirizz:*

*http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

## I. SOMMARJU

1. Fil-5 ta' Ġunju 2007 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 u skond referenza konformi ma' l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 li permezz tagħha l-impriża Syniverse Technologies, Inc ("**Syniverse**", l-Istati Uniti), takkwista, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll tan-negozju mingħajr fili tal-Billing Services Group Limited ("BSG Target Business", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. Syniverse Technologies, Inc ("Syniverse", l-Istati Uniti) hija sussidjarja li Syniverse Holdings, Inc għandha sjieda kompluta fuqha. Syniverse hija fornitur globali ta' servizzi teknoloġiċi lil kumpaniji ta' telekomunikazzjonijiet mingħajr fili. Il-klijenti ta' Syniverse jinsabu f'iktar minn 50 pajjiż fuq bażi globali.

3. Il-**BSG** Group huwa fornitur globali ta' soluzzjonijiet ta' proċessar ta' ħlasijiet, ġbir u ikklerjar ta' data, ħlas finanzjarju u ġestjoni tar-riskju għall-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni b'linja fissa (*wireline*), mingħajr fili u Wi-Fi. Il-BSG Group iħaddem żewġ attivitajiet kummerċjali, negozju mingħajr fili u negozju *wireline*. It-tranżazzjoni proposta tikkonċerna biss in-negozju mingħajr fili (in-negozju mingħajr fili minn hawn 'il quddiem jissejjaħ: "BSG").

4. L-investigazzjoni tas-suq li għamlet il-Kummissjoni żvelat li l-konċentrazzjoni proposta ma hi se tagħti lok għall-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni li minħabba fiha l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Komuni jew f'parti sostanzjali minnu tkun imfixkla b'mod sinfikanti.

### I.1. Is-Suq tal-Prodotti Rilevanti

5. Din it-tranżazzjoni tikkonċerna parti mis-suq tas-servizzi tal-ħruġ tal-kontijiet għall-operaturi tan-netwerk taċ-ċellulari ("MNOs"), jiġifieri s-servizzi ta' kklerjar ta' data u kumpens finanzjarju tal-GSM ([2]) roaming ([3]). Is-servizzi ta' ikklerjar ta' data u kumpens finanzjarju jiffurmaw qasam speċjalizzat mill-funzjoni tas-servizzi tal-ħruġ tal-kontijiet. Dan jippermetti l-ipproċessar tar-rekords dwar in-numru u t-tul ta' telefonati mingħajr fili jew trażmissjoni ta' messaġġi, biex b'hekk l-MNOs ikunu jistgħu kemm iqabblu l-ispejjeż tagħhom ma' xulxin kif ukoll jiċċarġjaw lill-abbonati tagħhom ta' l-użu li jagħmlu min-netwerk.

6. Syniverse toffri servizzi ta' kklerjar ta' data tal-GSM roaming u BSG joffri t-tnejn li huma. Il-parti notifikanti ssostni li llum Syniverse hija l-unika Istituzzjoni prinċipali ta' l-Ikklerjar tad-Data li m'għandhiex kapaċitajiet ta' kumpens finanzjarju u li dan iqiegħed lil Syniverse fi żvantaġġ kompetittiv għaliex ħafna MNOs ifittxu li jkollhom soluzzjoni komprensiva meta jesternalizzaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' kklerjar ta' data u ta' kumpens finanzjarju. Il-partijiet jiċċitaw l-akkwist tas-servizzi ta' kumpens finanzjarju ta' BSG bħala parti essenzjali mir-raġuni għat-tranżazzjoni.

7. Permezz tar-roaming l-abbonati jkunu jistgħu jagħmlu u jirċievu telefonati bil-vuċi, jibagħtu u jirċievu data, jew jaċċessaw servizzi oħrajn meta jkunu barra mill-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom. L-abbonat ikun qed juża r-roaming meta hu jew hi jagħmlu użu min-netwerk miżjur. Sabiex l-MNOs ikunu jistgħu jipprovdu servizzi madwar netwerks u pajjiżi differenti, huma jidħlu fi ftehimiet ta' roaming ma' xulxin. Dawn il-ftehimiet huma standard u l-proċess kollu tal-GSM roaming huwa standardizzat taħt l-awspiċi tal-GSMA.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1

([2]) GSM ("Global System for Mobile Communications") huwa l-istandard prinċipali fuq bażi globali għall-komunikazzjonijiet bil-mowbajl, u huwa definit mill-GSM Association ("GSMA").

([3]) Ir-roaming jippermetti lil klijent ta' MNO li permezz ta' l-apparat tal-mowbajl tiegħu jagħmel użu minn netwerks mingħajr wajer oħrajn li ma jkunux dak li tiegħu huwa abbonat. Apparat tal-mowbajl jista' jkun telefown mowbajl, PDA (*personal digital assistant* — apparat diġitali personali) jew kompjuter laptop.

8. Il-proċess ta' l-ikklerjar tad-data jikkonsisti fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-MNOs (li jaġixxu jew bħala netwerk miżjur jew bħala netwerk tal-pajjiż ta' l-oriġini) li jkun fiha informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' l-abbonat, in-numri tal-mowbajls involuti, it-timbri li juru l-ħin u d-data, it-tul tas-sejħa, u l-informazzjoni l-oħra kollha meħtieġa sabiex il-klijent jiġi ċċarġjat. MNOs li jwettqu l-ikklerjar tad-data tagħhom stess eventwalment ikollhom jibagħtu pakkett ta' data lill-operaturi kollha tagħhom imsieħba fir-roaming. Jew inkella jistgħu jibagħtu d-data ta' dawk li jżuruhom lil istituzzjoni ta' l-ikklerjar tad-data sabiex din tittratta hi ma' l-imsieħba kollha tagħhom tar-roaming. Sussegwentement, l-MNOs ikunu jeħtieġu jħallsu l-ispejjeż ta' l-użu ta' l-abbonati rispettivi tagħhom: dan huwa l-proċess tal-kumpens finanzjarju.

9. Sa issa, il-Kummissjoni għadha ma ddefinietx dawn is-swieq. Il-parti notifikanti tipproponi li jista' jitħalla mhux deċiż jekk l-ikklerjar tad-data u l-kumpens finanzjarju humiex swieq separati.

10. L-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat b'mod ċar li jeżistu swieq separati għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data u tal-kumpens finanzjarju. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu qiesu dawn bħala swieq differenti. ([1]) Għal din ir-raġuni, l-iskopijiet taż-żewġ servizzi huma meqjusa differenti u ma jidhirx li huma sostitwibbli. L-investigazzjoni tas-suq uriet li l-MNOs spiss jużaw fornitur ta' servizzi ta' l-ikklerjar tad-data differenti u fornitur ta' servizzi ta' kumpens finanzjarju differenti. Is-servizzi tal-kumpens finanzjarju jsiru internament ħafna iktar spiss mis-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data, peress li l-MNOs iktar jippreferu jesternalizzaw is-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data tagħhom (MNO prinċipali wieħed biss fiż-ŻEE jagħmilhom internament). ([2]) B'kuntrast ma' dak li tissuġġerixxi l-parti notifikanti, ma teżistix il-ħtieġa li fornitur ta' servizzi jipprovdi lill-klijenti bis-servizzi kemm ta' l-ikklerjar tad-data kif ukoll tal-kumpens finanzjarju. ([3])

11. Għalhekk, is-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data u tal-kumpens finanzjarju għandhom jitqiesu bħala swieq ta' prodotti differenti. Peress illi l-attivitajiet tal-partijiet fis-suq tas-servizzi tal-kumpens finanzjarju ma jikkoinċidux, id-deċiżjoni tittratta biss dwar is-suq għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data tal-GSM roaming.

### I.2. **Swieq Ġeografiċi Rilevanti**

12. F'każijiet preċedenti l-Kummissjoni ma ddefinietx l-iskop ġeografiku ta' dawn is-swieq. Il-parti notifikanti hija tal-fehma li s-suq ġeografiku għal servizzi ta' ikklerjar tad-data tal-GSM għandu dimensjoni dinjija. L-ewwelnett, il-partijiet jargumentaw li r-roaming data, skond l-istess definizzjoni tagħha għandha dimensjoni dinjija u mhijiex limitata mill-fruntieri nazzjonali. It-tieninett, huma jsostnu li fil-mod li tiġi skambjata u sistemizzata r-roaming data japplikaw l-istandards globali (dan jikkonfermah l-investigazzjoni tas-suq). It-tieletnett, il-parti notifikanti ssostni li l-lokalità ġeografika tal-klijent u tal-fornitur tas-servizz hija irrilevanti peress illi l-fornitur tas-servizz jista' jipprovdi s-servizzi minn kwalunkwe lokalità madwar id-dinja. Biex nieħdu ezempju, il-parti notifikanti tiddeskrivi kif Syniverse tipprovdi s-servizzi tagħha ta' l-ikklerjar tad-data lill-klijenti tagħha kollha madwar id-dinja (inklużi l-klijenti tagħha kollha fl-Ewropa) mill-kwartieri ġenerali tagħha f'Tampa, Florida. L-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat parzjalment l-opinjoni tal-parti notifikanti li s-suq ġeografiku seta' jitqies bħala wieħed globali. Bi tweġiba għall-mistoqsija ġenerali dwar il-firxa tas-suq, il-maġġoranza tal-klijenti li wieġbu kienu jqisu s-suq ta' l-ikklerjar tad-data bħala wieħed fuq bażi globali. Madankollu, numru ta' dawk li wieġbu kienu jqisu s-suq bħala li huwa mifrux fiż-ŻEE ([4]).

13. L-investigazzjoni tas-suq tat ukoll xi indikazzjonijiet li s-suq seta' kien limitat għaż-ŻEE. Talbiet għal proposti minn MNOs jiġu indirizzati internazzjonalment, imma jekk fornitur ta' servizzi jkun irid jaġġudika kuntratti sabiex jagħti servizz lil MNOs jeħtieġ li jkollu preżenza fl-Ewropa. Nofs dawk li wieġbu (li kienu jinkludu xi klijenti MNO kbar) jagħtu importanza kbira lill-viċinanza ġeografika għal raġunijiet ta' integrità tad-data u servizz ta' wara l-bejgħ. Il-kompetituri ta' l-ikklerjar tad-data kollha fi ħdan iż-ŻEE (MACH, Syniverse u BSG) għandhom iktar minn uffiċċju wieħed fl-Ewropa.

14. Madankollu, l-investigazzjoni tas-suq uriet ukoll li għalkemm preżenza Ewropea tkun vantaġġ għall-għoti ta' servizz lill-klijenti fiż-ŻEE, l-ispejjeż sabiex tinfetaħ preżenza fl-Ewropa huma limitati u kompetitur qal ukoll li ma jkun hemm assolutament l-ebda ħtieġa peress illi s-server ta' l-ipproċessar tad-data jista' xorta waħda jitħaddem barra mill-Ewropa.

15. L-investigazzjoni tas-suq uriet li kwistjonijiet relatati mal-kredibbiltà ta' l-ipproċessar tad-data u l-ħarsien tad-data huma ta' rilevanza għolja. Madankollu, l-investigazzjoni tas-suq żvelat ukoll li l-MNOs iridu jindirizzaw is-sigurtà tad-data bl-istess mod bħal kwalunkwe kumpanija f'industriji oħrajn li trid tittrasferixxi data personali barra miż-ŻEE; għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi li kwistjonijiet ta' ħarsien tad-data mhumiex ta' xkiel fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data barra miż-ŻEE u għal din ir-raġuni ma jkunux indikazzjoni li s-suq huwa mifrux biss fiż-ŻEE.

16. Għall-finijiet ta' dan il-każ, id-definizzjoni eżatta tas-suq ġeografiku rilevanti tista' titħalla miftuħa, peress illi

([1]) 30 minn 34 klijent iddefinew is-servizzi ta' ikklerjar tad-data u l-kumpens finanzjarju bħala prodotti tas-suq separati.
([2]) MNO wieħed biss minn 38 wieġeb li jagħmel l-ikklerjar tad-data internament. Ħamsa oħra wieġbu li esternalizzaw 70-95 % mill-ħtiġijiet ta' l-ikklerjar tad-data tagħhom. 32 MNOs esternalizzaw għal kollox dan is-servizz.
([3]) 10 % biss mill-MNOs li wieġbu indikaw li jeħtieġu ż-żewġ servizzi flimkien mingħand l-istess fornitur. Id-90 % l-oħra għamluha ċara ħafna li ma kinitx ħtieġa għalihom.
([4]) 30 minn dawk li wieġbu indikaw li s-suq ġeografiku kellu jkun globali, 5 oħra kienu tal-fehma li kellu jkun mifrux fiż-ŻEE.

t-tranżazzjoni proposta ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni anki fis-suq ġeografiku l-iktar dejjaq possibbli (mifrux fiż-ŻEE).

## I.3. **Evalwazzjoni Kompetittiva**

### I.3.1. *L-Istruttura tas-Suq*

17. L-esternalizzazzjoni tas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data taf il-bidu tagħha għall-bidu tas-snin disgħin. Mill-2004 'il quddiem, is-swieq għaddew minn numru ta' akkwisti. L-ikbar fis-suq, Mach għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu fil-Lussemburgu u ilu jagħmel l-ikklerjar tad-data mis-snin disgħin. Mach għandu iktar minn 400 klijent ta' l-ikklerjar tad-data fuq bażi globali li jiġu mogħtija servizz mis-700 impjegat li għandu fl-uffiċċji tiegħu fl-Istati Uniti, fl-Amerika t'Isfel, fl-Indja, fid-Dubai, fis-Singapore, fil-Hong Kong u f'sitt uffiċċji oħrajn fl-Ewropa (inkluż f'Moska u Londra).

18. Il-BSG twaqqaf fl-2003 minn amalgamazzjoni ta' kumpaniji mill-fond ta' l-ekwità privata ABRY Partners. Syniverse bdiet taħdem fl-ikklerjar tad-data fl-Istati Uniti fl-1996 u l-ewwel darba li stabbiliet preżenza fl-ikklerjar tad-data fl-Ewropa kien fl-2003 ibbażat fuq dak li kienet sejħet bħala investiment mhux eċċessiv. Hemm kompetituri oħrajn bħal: Comfone (Svizzera) li tbigħ servizzi relatati mal-mowbajl u tbigħ ukoll taħriġ lill-MNOs fuq bażi globali u sa mill-1998 ilha toffri s-soluzzjonijiet tagħha stess għall-ikklerjar tad-data u l-kumpens finanzjarju. Fl-2003, waqfet milli tbigħ il-prodott tagħha ta' l-ikklerjar tad-data u bdiet tbigħ lil terzi s-servizzi ta' l-ikklerjar tal-BSG. Il-Kummissjoni tqis li fil-futur qrib Comfone tkun tista' terġa' tidħol fis-suq għall-ikklerjar tad-data tal-GSM.

19. L-Emirates Data Clearing House ("EDCH") twaqqfet fl-1994 bħala parti minn Etisalat, il-kumpanija tat-telekomunikazzjoni ta' l-Emirati Għarab Magħquda. Hija tiffoka l-attività tagħha fuq il-Lvant Nofsani, imma tagħmel negozju f'partijiet oħrajn tad-dinja (fil-Lvant Imbiegħed u fl-Afrika). Għalkemm l-EDCH mhijex attiva fl-Ewropa, hija pparteċipat fi proċeduri ta' sejħa għal offerti fiż-ŻEE u l-Kummissjoni tqis li l-EDCH jista' jkollha l-inċentiv li tidħol fis-suq taż-ŻEE għall-ikklerjar tad-data tal-GSM.

20. VeriSign hija kumpanija pubblika bbażata fl-Istati Uniti, li toffri varjetà ta' servizzi ta' l-internet u t-telekomunikazzjoni. S'issa għadha ma tipprovdix servizzi ta' l-ikklerjar tad-data fl-Ewropa. Madankollu, hija effettivament toffri servizzi relatati lill-klijenti tagħha permezz ta' l-uffiċċji tagħha fl-Ewropa. Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni dehrilha li hemm probabbiltà li VeriSign tkun inċentivata li tidħol fis-suq taż-ŻEE, b'mod partikolari jekk tkun sponsorizzata minn xi MNO. VeriSign għandha kważi […] klijent ta' l-ikklerjar tad-data fil-kontinent Amerikan.

21. Kompetitur ieħor li jipprovdi s-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data huwa l-ARCH, kumpanija sussidjarja ta' China Mobile li għandha uffiċċji f'Hong Kong u f'Shenzhen fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. L-ARCH tipprovdi s-servizzi lill-ikbar MNO tad-dinja, China Mobile kif ukoll lil MNOs oħrajn. Hija mhijiex preżenti fl-Ewropa, għalkemm waqt l-investigazzjoni tas-suq xi klijenti qiesu lill-ARCH bħala parteċipant kredibbli fis-sejħa għal offerti, il-Kummissjoni ma dehriliex li kien probabbli li ARCH dalwaqt setgħet tidħol fis-suq ta' l-ikklerjar tad-data taż-ŻEE.

22. F'suq li jinkorpora d-dinja kollha huwa stmat li Mach ikollha [50-60] % sehem mis-suq u fiż-ŻEE [55-65] %. Għal Syniverse l-ishma li għandha mis-suq huma stmati li jammontaw għal [15-25] % u [10-20] %, għal BSG [10-20] % u [30-40] %, EDCH [0-10] % (fuq bażi globali) u VeriSign [0-10] % (fuq bażi globali).

23. Wara l-amalgamazzjoni, f'suq dinji, Mach ukoll tibqa' b'mod ċar l-attur ewlieni fis-suq [50-60] %, l-amalgamazzjoni bejn Syniverse u BSG (fil-mument it-tieni u t-tielet atturi fis-suq rispettivament) tagħmilhom it-tieni attur fis-suq [30-40] %. Fir-rigward ta' suq mifrux fiż-ŻEE, Mach xorta tibqa' l-attur ewlieni fis-suq ta' l-ikklerjar tad-data b'sehem mis-suq ta' [55-65] %. Bl-amalgamazzjoni bejn BSG u Syniverse (fil-mument it-tieni u t-tielet fis-suq) jersqu iktar viċin b'sehem flimkien ta' [35-45] %. Għalhekk il-konċentrazzjoni tnaqqas in-numru ta' kompetituri minn tlieta għal tnejn f'suq mifrux fiż-ŻEE.

24. Skond il-partijiet notifikanti hemm għażla ġenwina għal MNOs tat-tip li "jipprovdu għalihom infushom" peress illi l-MNOs għandhom il-kapaċità u l-kompetenza interna li jaqilbu mill-istat li jesternalizzaw l-ikklerjar tad-data tagħhom għal dak li jagħmluha internament. L-ewwelnett, l-investigazzjoni żvelat li ma jeżistux eżempji reċenti ta' MNO li taqleb mill-esternalizzazzjoni għall-ikklerjar intern tad-data. It-tieninett, l-MNOs li wieġbu għall-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni wrew ukoll li li "jipprovdu għalihom infushom" ma kinitx għażla realistika għalihom.

25. Is-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data normalment jiġu akkwistati mill-MNOs permezz ta' proċess ta' tfigħ ta' l-offerti jew ta' għamla ta' offerti. In-negozjati spiss isiru bl-e-mail. L-investigazzjoni tas-suq uriet li l-proċess ta' l-għamla ta' offerti huwa wieħed kompetittiv u huwa wkoll karatterizzat min-nuqqas ta' trasparenza fil-prezzijiet. Normalment il-prezzijiet jiddependu min-numru ta' tranżazzjonijiet ta' roaming ipproċessati u jista' wkoll ikun hemm dħul ta' prosegwiment sinifikanti mill-provvista ta' servizzi oħrajn. Madankollu, skond il-partijiet, l-effett nett tal-konsolidament ta' l-MNO kien storikament inżul dejjem 'l isfel tal-prezzijiet ta' l-ikklerjar tad-data u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizz ta' l-ikklerjar tad-data li tirriżulta. Din it-tendenza kienet ikkonfermata mill-investigazzjoni tas-suq li wriet ukoll li l-ispejjeż meħtieġa għall-klijenti ġodda biex jilqgħu għal kwalunkwe kapaċità żejda mhumiex sinifikanti. Il-qadi tal-volum żejjed ta' tranżazzjonijiet ta' membru MNO ġdid għandu inqas x'jaqsam mat-total tan-numru ta' l-abbonati u għandu iktar x'jaqsam man-numru ta' abbonati li jagħmlu użu mis-servizz.

26. L-investigazzjoni tas-suq uriet li s-swieq konċernati qed jiżviluppaw swieq teknonoliġiċi b'pass mgħaġġel. Għal din irraġuni hemm żviluppi tekniċi dejjem għaddejjin. Fi ftit snin oħra s-suq għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data għandu mnejn ikun jidher differenti fejn jirrigwarda s-servizzi pprovduti u anki l-atturi involuti. Żviluppi teknoloġiċi li għaddejjin, adottati mill-GSMA, jirrigwardaw it-teknoloġija "Near Real-Time Roaming Data Exchange" ("NRTRDE") li hija ddisinjata għall-iskoperta tal-frodi, imma li hija potenzjalment adatta għall-ikklerjar tad-data; u l-"Kunċett tal-hubs" (parti minn dak li jissejjaħ l- "Open Connectivity project") li se jippermetti lil "hubs" biex jikkoordinaw pożizzjonijiet ta' l-ikklerjar bejn l-MNOs minflok li jkollhom kuntratt ma' kull wieħed mis-700 NOs.

I.3.2. *Effetti Unilaterali*

27. Saret analiżi ta' l-effetti unilaterali potenzjali fuq il-bażi ta' suq mifrux fiż-ŻEE bħala l-idjaq skop ġeografiku immaġinabbli tas-suq. L-analiżi ta' l-għamla ta' l-offerti u l-bdil tad-data uriet li Syniverse u BSG ma jiffurmawx limiti kompetittivi partikulari fuq xulxin u li MACH eżerċita limitazzjoni kompetittiva iktar b'saħħitha kemm fuq Syniverse kif ukoll fuq BSG. Barra dan, il-karatteristiċi tas-suq għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data jagħtu lill-fornituri inċentiv qawwi biex jikkompetu b'mod aggressiv għal kull kuntratt li jiġi biex jiġġedded. Kemm id-data tal-partijiet kif ukoll dik tal-klijenti dwar il-parteċipazzjoni fis-sejħa għal offerti indikaw li kemm BSG kif ukoll Syniverse iffaċċjaw kompetizzjoni qawwija minn MACH. Kważi f'nofs il-każi kien hemm biss żewġ parteċipanti fis-sejħa għal offerti, imma BSG u Syniverse qatt ma kienu l-uniċi parteċipanti fis-sejħa għal offerti. Dan ifisser li l-MNOs iddeċidew li l-proċess tas-sejħa għal offerti kien kompetittiv biżżejjed b'żewġ parteċipanti fis-sejħa, li huma MACH u BSG jew MACH u Syniverse. L-analiżi dwar ir-riżultati wriet li kien rari ħafna li Syniverse u BSG kienu kemm ir-rebbieħa kif ukoll ġew fit-tieni post fl-istess sejħa għal offerti.

28. Ir-riżultati ta' l-analiżi juru li l-prezzijiet offruti minn BSG ma jiġux affettwati minn jekk Syniverse tipparteċipax jew le fis-sejħa għal offerti, li jimplika wkoll li Syniverse ma teżerċitax pressjoni kompetittiva qawwija fuq il-prezzijiet ta' BSG.

29. Irrispettivament mill-ispejjeż u l-isforzi differenti meħtieġa sabiex jiġu mibdula l-fornituri, l-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat li l-bdil jista' jsir u li hemm diversi każi fejn MNOs jibdlu l-fornituri ta' l-ikklerjar tad-data. Il-qligħ li jsir bil-bdil tal-fornituri jista' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li wieħed irid iħallas mal-bidla. Il-Kummissjoni sabet diversi każi ta' fornituri li jinbidlu li ġraw fl-Ewropa bejn l-2004 u l-2007. L-investigazzjoni tas-suq uriet ukoll li l-bdil bejn BSG u Syniverse (jew viċe versa) huwa rari ħafna.

30. Il-karatteristiċi tas-suq għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data jipprovdu inċentiv għall-fornituri biex jikkompetu b'mod qawwi, u li b'riżultat ta' dan żieda unilaterali fil-prezz mill-entità amalgamata ma tantx tkun possibbli. L-ewwelnett, jeżistu limiti tal-kapaċità. It-tieninett, il-provvista ta' servizzi ta' l-ikklerjar tad-data hija karatterizzata minn spejjeż marġinali baxxi għal dawk il-fornituri li jipprovdu dawn is-servizzi fuq it-tagħmir tagħhom. Għalhekk il-fornituri għandhom inċentiv qawwi biex jikkompetu b'mod aggressiv għal kull kuntratt. Fl-aħħarnett, istituzzjonijiet ta' l-ikklerjar tad-data jiffaċċjaw dħul potenzjali ta' l-insegwiment sinifikanti minn servizzi oħrajn.

31. Bħalma intwera iktar 'il fuq, istituzzjonijiet ta' l-ikklerjar tad-data eżistenti fuq bażi globali urew li għandhom il-kapaċità u l-inċentiv biex jidħlu fis-suq Ewropew għal servizzi ta' l-ikklerjar tad-data. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni tas-suq uriet li diversi MNOs jikkunsidraw mingħajr dubju lil ARCH, EDCH, VeriSign u Comfone bħala parteċipanti kredibbli fis-sejħa.

32. Il-konsolidament reċenti ta' MNOs kif ukoll proċess ta' tfigħ ta' offerti iktar sofistikati jagħtu lill-MNOs poter restrittiv. B'mod partikulari, l-MNOs jista' jkollhom pożizzjoni ta' negozjar bis-saħħa tad-daqs finanzjarju relattiv tagħhom kif ukoll l-iskala tat-tranżazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, wieħed jista' jikkonkludi mill-analiżi ta' hawn fuq li t-tranżazzjoni proposta ma twassalx għal tħassib dwar effetti unilaterali.

I.3.3. *Effetti Koordinati*

33. Meta wieħed iqis l-ishma mis-suq, l-amalgamazzjoni twassal għal sehem mis-suq ta' madwar [80-90] % għall-ikbar żewġ kompetituri f'suq globali, u sehem mis-suq ta' madwar [90-100] % f'suq mifrux fiż-ŻEE għall-ikklerjar tad-data. Fid-dawl ta' l-ishma mis-suq ta' Mach u l-entità amalgamata wara l-amalgamazzjoni, kien importanti li jiġi studjat jekk it-tranżazzjoni proposta setgħetx jew tiffaċilita jew tippermetti lill-MACH u l-partijiet amalgamati li jikkoordinaw fuq il-prezzijiet.

34. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi tas-suq għas-servizzi ta' l-ikklerjar tad-data, ma jidhirx li hu l-każ li l-amalgamazzjoni proposta għandha twassal għal effetti koordinati. Intendiment komuni fuq il-prezzijiet ma jidhirx li jista' jsir u fid-dawl tan-natura dinamika tas-suq u n-nuqqas ta' stabbiltà fid-daqs rispettiv tal-klijenti, allokazzjoni tal-klijenti tkun diffiċli u tkun teħtieġ tiġi valutata mill-ġdid b'mod regolari.

35. Għalkemm devjazzjoni tista' tiġi nnotata faċilment wara li tkun saret is-sejħa għal offerti, parteċipanti fis-sejħa għal offerti jkunu jistgħu jindunaw b'devjazzjoni waqt is-sejħa

għal offerta. Tkun tista' ssir ritaljazzjoni biss billi wieħed jitfa' offerti b'mod aggressiv fil-kuntratti li jkun imiss. Peress illi t-tfigħ ta' offerti għal kuntratti ġodda ma tantx huma spissi — it-tul u l-volumi tal-kuntratti jvarjaw ħafna minn MNO għal ieħor — strateġija bħal din ma tikkostitwix mekkaniżmu ta' deterrent kredibbli. Fl-aħħarnett, kollużjoni effettiva ma tantx huwa possibbli li sseħħ peress illi hemm probabbiltà li barranin jipperikolaw ir-riżultat tal-koordinazzjoni mistennija. Għalhekk, b'riżultat ta' dan, wieħed jista' jikkonkludi li t-tranżazzjoni proposta ma twassalx għal tħassib dwar effetti koordinati.

## I.4. **Konklużjoni**

36. Il-Kummissjoni tikkonkludi fl-abbozz tad-deċiżjoni li l-konċentrazzjoni proposta mhux se tagħti lok għall-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni li minħabba fiha l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'parti sostanzjali minnu tkun imfixkla b'mod sinfikanti. Konsegwentement, il-Kummissjoni bi ħsiebha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mal-Ftehim tas-Suq Komuni u taż-ŻEE, skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (amalgamazzjonijiet) u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għajnuniet mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli tar-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2008/C 101/10)

**Numru XA:** XA 333/07

**Stat Membru:** Id-Danimarka

**Reġjun:** —

**Titolu ta' l-iskema jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Produktionsregnskaber. Støttemodtager er Det Danske Fjerkræråd

**Bażi ġuridika:** Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m.v. (Bemyndigelsesloven), jf. lovbekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** DKK 1 406 000

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** 100 %

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-1 ta' Ottubru 2007

**It-tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** Sat-30 ta' Settembru 2008

**Għan ta' l-għajnuna:**

L-għan ta' l-iskema huwa ż-żamma tad-dokumentazzjoni tal-produzzjoni tat-tiġieġ u tal-bajd għall-konsum tal-bniedem u l-monitoraġġ tal-produttività, huwa biex jipprovdi l-produtturi individwali b'informazzjoni tajba għal monitoraġġ ta' l-iżvilupp tal-produzzjoni tagħhom fid-dawl tal-kuntest ekonomiku wiesa. Għandha l-għan ukoll biex tiżgura li s-settur jinżamm infurmat tajjeb dwar kwistjonijiet produttivi u s-sitwazzjoni ekonomika fil-varji linji ta' produzzjoni involuti.

Il-benefiċjarji finali huma l-produtturi agrikoli li jipproduċu l-bajd għal konsum tal-bniedem u tiġieġ għal laħam. L-iskema tapplika għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skond l-Artikolu 15(2)(c). Tikkonċerna n-nefqa dwar is-servizzi ta' konsulenza

**Setturi ekonomiċi kkonċernati:** It-trobbija tat-Tiġieġ

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 København V

**Indirizz ta' l-internet:** www.fa-fonden.dk

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 395/07

**Stat Membru:** Ċipru

**Reġjun:** L-għajnuna tingħata mill-gvern ċentrali

**Titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali:** Δικαίωμα συμμετοχής στο σχέδιο έχει ο επίσημα αναγνωρισμένος Κυπριακός Σύνδεσμος Εκτροφέων Βοοειδών της φυλής Holstein-Friesian

**Bażi ġuridika:**

α) Προϋπολογισμός 2007. Τμήμα Γεωργίας. Άρθρο 120229.04207 — Άλλες Γεωργοκτηνοτροφικές Επιχορηγήσεις με το τίτλο: Προώθηση δημιουργίας και λειτουργίας Συνδέσμων Εκτροφέων Βοοειδών.

β) Απόφαση Υπουργικού Συμβουλίου Αρ. 64.742, ημερ. 12.12.2006 και Ενημέρωση του Υπουργικού Συμβουλίου για την τροποποίηση της ενίσχυσης με ενημερωτικό σημείωμα το οποίο κατατέθηκε στις 7.11.2007

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Baġit annwali ta' EUR 42 105 (CYP 24 000)

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

(a) CYP 3 000 biex tkopri parti mill-ispiża amministrattiva mġarrba mill-ħolqien u ż-żamma tar-reġistru tal-merħla għall-annimali kkonċernati.

(b) CYP 21 000 biex tkopri sa 70 % tan-nefqa fid-determinazzjoni tal-kwalità ġenetika jew tar-rendiment tal-bhejjem li tkun iġġarbet minn jew għal persuni terzi

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Diċembru 2007

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** Il-31 ta' Diċembru 2010

**Għan ta' l-għajnuna:**

L-għan ta' l-għajnuna hi biex tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Assoċjazzjoni tal-Bdiewa Ċiprijotti tal-Baqar tar-Razza Holstein-Friesian sabiex tgħinha tissodisfa l-obligazzjonijiet tagħha. L-attivitajiet eliġibbli li għandhom jirċievu għajnuna mill-Istat huma kif ġejjien:

(a) kopertura ta' parti mill-ispiża amministrattiva mġarrba mill-ħolqien u ż-żamma tar-reġistru uffiċjali tal-merħla tar-razza Holstein-Friesian, u

(b) kopertura sa 70 % ta' l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-programm għat-titjib ġenetiku u evalwazzjoni ta' l-annimali.

Il-pjan huwa bbażat fuq l-Artikolu 16(a) u (b) (bit-titlu "Appoġġ għas-settur tal-bhejjem") tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Settur(i) kkonċernat(i):** It-trobbija tal-baqar

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Τμήμα Γεωργίας, Υπουργείο Γεωργίας
Φυσικών Πόρων και Περιβάλλοντος
Λευκωσία, Κύπρος
Tel. 22 40 85 19, fax 22 78 14 25
e-mail: doagrg@da.moa.gov.cy

**Indirizz ta' l-internet:** www.moa.gov.cy/da

**Tagħrif ieħor:** —

Christodoulos FOTIOU
*Deputy Director*
*Department of Agriculture*
*Ministry of Agriculture, Natural Resources and Environment*

---

**Numru XA:** XA 396/07

**Stat Membru:** Ċipru

**Reġjun:** L-għajnuna tingħata mill-gvern ċentrali

**Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali:** Οικονομική Ενίσχυση στους Συνδέσμους Προστασίας Φυτών

**Bażi ġuridika:** Απόφαση Υπουργικού Συμβουλίου με ημερομηνία 5.12.2007

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Baġit annwali ta' CYP 100 000

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-għajnuna tista' tiġi estiża sa 50 % tal-valur tas-suq għal sustanzi fitofarmaċewtiċi u għal mezzi oħrajn ta' protezzjoni veġetali għall-Assoċjazzjonijiet ta' Protezzjoni taż-Żebbuġ u sa 30 % għall-Assoċjazzjonijiet oħra għal Protezzjoni Veġetali. Għajnuna ta' 30 % għall-Assoċjazzjonijiet ta' Protezzjoni Veġetali għan-nefqa fix-xogħol, trasport u kontrolli

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Diċembru 2007

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** Il-31 ta' Diċembru 2013

**Għan ta' l-għajnuna:**

L-għan ta' l-għajnuna hu li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju lill-Assoċjazzjonijiet għal Protezzjoni Veġetali fil-ksib tagħhom ta' servizzi u mezzi xierqa għal protezzjoni veġetali lill-Assoċjazzjonijiet tal-produtturi membri.

L-għajnuna tingħata fuq bażi ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Eżenzjoni (KE) Nru 1857/2006 u tikkonċerna biss lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003, li jistgħu jkunu persuni naturali jew legali involuti fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli (bdiewa).

L-għotja tkopri li ġejjin:

(a) it-tfassil tal-programm ta' operat għall-kontroll tal-pesti u mard;

(b) il-forniment ta' mezzi fitofarmaċewtiċi, bijoloġiċi jew bijoteknoloġiċi għall-kontroll tal-pesti u mard;

(c) ix-xiri ta' tagħmir għall-kontroll tal-pesti u mard;

(d) il-ħolqien ta' stazzjonijiet għal servizz ta' fumigazzjoni

**Settur(i) kkonċernat(i):** Produzzjoni veġetali

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Τμήμα Γεωργίας του Υπουργείου Γεωργίας, Φυσικών Πόρων και Περιβάλλοντος
Λεωφόρος Λουκή Ακρίτα
CY-1412 Λευκωσία

**Indirizz ta' l-internet:** www.moa.gov.cy/da

**Tagħrif ieħor:** —

Christodoulos FOTIOU
*Deputy Director*
*Department of Agriculture*
*Ministry of Agriculture, Natural Resources and Environment*

**Tagħrif fil-qosor imwassal mill-Istati Membri fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat mogħtija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2008/C 101/11)

**Numru XA:** XA 245/07

**Stat Membru:** Ir-Repubblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Območje občine Polzela

**Titolu ta' l-iskema ta' l-għajnuna u/jew l-isem tal-benefiċjarju:** Pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva in podeželja v občini Polzela za programsko obdobje 2007–2013

**Il-bażi ġuridika:** Pravilnik o dodeljevanju pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva ter podeželja v občini Polzela za programsko obdobje 2007–2013

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont globali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: EUR 23 994

2008: EUR 24 700

2009: EUR 25 400

2010: EUR 26 150

2011: EUR 26 950

2012: EUR 27 750

2013: EUR 28 600

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment f'azjendi agrikoli għall-produzzjoni primarja:*

— sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati;

— sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra;

— sa 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni anqas vantaġġati u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħra, fejn l-investiment isir minn bdiewa żgħażagħ fi żmien ħames snin mill-istabbilment tagħhom.

L-appoġġ jingħata għal investiment fir-restawrar tal-karatteristiċi ta' l-istabbilimenti u għax-xiri ta' tagħmir għall-użu fil-produzzjoni agrikola, u għal investiment f'għelejjel permanenti, għat-titjib fl-artijiet ta' l-istabbiliment u għall-ġestjoni tal-mergħat.

2. *Konservazzjoni tal-pajżaġġi u l-bini tradizzjonali:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali għall-investiment f'elementi mhux produttivi;

— sa 60 % ta' l-ispejjeż reali, jew 75 % f'żoni anqass vantaġġati fir-rigward ta' l-investiment f'faċilitiajiet produttivi fl-istabbilimenti, sakemm l-investiment ma jsarrafx fi kwalunkwe żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-istabbiliment;

— tista' tingħata għajnuna addizzjonali sa rata ta' 100 % biex tkopri spejjeż żejda minħabba użu ta' materjali tradizzjonali meħtieġa biex jinżammu l-karatteristiċi patrimonjali u kulturali tal-bini.

3. *Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali, fejn ir-rilokazzjoni sempliċiment tikkonsisti fil-ħatt, it-tneħħija u l-bini mill-ġdid tal-faċilitajiet eżistenti;

— meta r-rilokazzjoni twassal għal faċilitajiet aktar moderni li minnhom igawdi l-bidwi, huwa għandu jikkontribwixxi għallinqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, tażżieda fil-valur tal-faċilitajiet ikkonċernati wara r-rilokazzjoni. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għall-inqas 55 % jew 45 % rispettivament;

— meta r-rilokazzjoni twassal għal żieda fil-kapaċità produttiva, il-kontribuzzjoni mill-benefiċjarju għandha tkun talanqas 60 %, jew 50 % f'żoni inqas vantaġġati, ta' l-ispejjeż marbuta ma' din iż-żieda. Jekk il-benefiċjarju jkun bidwi żagħżugħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha tkun għall-inqas 55 %, jew 45 % rispettivament;

4. *Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni:*

— l-ammont ta' kofinanzjament muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u frott u biex jiġu assigurati l-bhejjem kontra l-mard.

5. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali legali u amministrattivi.

6. *Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż reali mġarrba; dan għandu jingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u m'għandhux jinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

7. *Forniment ta' l-appoġġ tekniku:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż għall-edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa, għas-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn partijiet terzi, għall-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet u fieri, pubblikazzjonijiet u websajts. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u m'għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Settembru 2007 (jew id-data li fiha r-Regoli jidħlu fis-seħħ)

**Tul ta' l-iskema jew ta' l-għtja ta' għajnuna individwali:** Sal-31.12.2013

**L-għan ta' l-għanuna:** Appoġġ għall-SMEs.

**Referenza għall-Artikoli fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:**

Il-Kapitolu II ta' l-Abbozz ta' Regoli dwar l-għoti ta' l-għajnuna mill-Istat għall-konservazzjoni u l-iżvilupp ta' l-agrikoltura u ż-żoni rurali fil-muniċipalità ta' Polzela għall-perjodu ta' programmar 2007-13 jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli li ġejjin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3) (Titlu mhux uffiċjali):

— l-Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli;

— l-Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bini tradizzjonali;

— l-Artikolu 6: Rilokazzjoni ta' bini agrikolu fl-interess pubbliku;

— l-Artikolu 12: Għajnuna favur il-ħlasijiet ta' primjums ta' l-assigurazzjoni;

— l-Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art;

— l-Artikolu 14: Għajnuna għat-trawwim tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità;

— l-Artikolu 15: Forniment ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi konċernat(i):** L-Agrikoltura.

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Polzela
Polzela 8
SLO-3313 Polzela

**Indirizz elettroniku:**

http://www.uradni-list.si/1/ulonline.jsp?urlid=200781&dhid=91480

**Tagħrif ieħor:**

Il-miżura li tikkonċerna l-ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-għelejjel u l-frott tinkludi l-kundizzonijiet avversi tat-temp li ġejjin li jistgħu jiġu meqjusa bħala diżastri naturali: ġlata tar-Rebbiegħa, silġ, sajjetti, nirien ikkawżati mis-sajjetti, maltempati u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 fir-rigward tal-miżuri adottati mill-muniċipalitajiet, u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċeduri qabel ma tingħata l-għajnuna, l-akkumulu, it-trasparenza u s-sorveljanza ta' l-għajnuna)

Ljubo ŽNIDAR
*Is-Sindku,*

---

**Numru XA:** XA 246/07

**Stat Membru:** L-Olanda

**Reġjun:** Provincie Gelderland

**Titlu ta' l-iskema ta' l-għajnuna:** Subsidieregeling vitaal Gelderland 2007, onderdelen: Losse Kavelruil, Investeringen in landbouwbedrijven (bedrijfsmodernisering), Bedrijfsadvisering

**Bażi ġuridika:**

Artikel 11, derde lid, van de Wet Inrichting landelijk gebied.

Subsidieregeling vitaal Gelderland 2007 en het Provinciaal Meerjarenprogramma 2007-2013 Gelderland (PMJP), deel 3: het subsidiekader

**Nefqa annwali prevista skond l-iskema:** Perjodu ta' bejn l-2007-13: Massimu annwali ta' EUR 1 500 000

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

Perċentwal ta' għajnuna/ammont ta' għajnuna għal kull qasam ta' għajnuna skond il-Programm Provinċjali Multiannwali (PMAP) 2007-13 għall-impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, sakemm huma koperti minn din it-notifikata' eżenzjoni:

1. *L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006:*

   Artikolu 2.2.2.1 tal-PMAP Investimenti fl-innovazzjoni u l-ambjent minn impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju

   a. Fil-każ ta' investimenti innovattivi, l-għajnuna massima hija ta' 35 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, b'ammont minimu ta' għajnuna ta' EUR 10 000 u ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 30 000.

   b. Fil-każ ta' investimenti fil-konservazzjoni u t-titjib ta' l-ambjent naturali li wkoll jirriżultaw f'żieda tal-kapaċità produttiva u/jew ma jwassalux għal spejjeż żejda li jolqtu l-protezzjoni ta' l-ambjent, l-għajnuna massima hija ta' 35 %, b'ammont minimu ta' għajnuna ta' EUR 10 000 u ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 100 000.

   c. Fil-każ ta' investimenti fil-konservazzjoni u t-titjib ta' l-ambjent naturali li ma jirriżultawx f'żieda tal-kapaċità produttiva, l-għajnuna massima hija ta' 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, b'ammont minimu ta' għajnuna ta' EUR 10 000 u ammont massimu ta' għajnuna ta' EUR 100 000. Madankollu, l-ispejjeż eliġibbli huma limitati għall-ispejjeż żejda meħtieġa li jolqtu l-protezzjoni ta' l-ambjent.

   L-ispejjeż eliġibbli jolqtu l-kostruzzjoni, l-akkwist, it-titjib jew l-apparat ta' propjetà immobbli, ix-xiri ta' makkinarju ġdid u apparat, inkluż softwer tal-kompjuter, u l-ispejjeż ġenerali, fost ħwejjeġ oħra għall-periti, l-inġiniera u l-konsulenti.

   Impriżi agrikoli primarji żgħar u daqs medju li huma ekonomikament vijabbli biss huma eliġibbli għall-għajnuna

2. *L-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006*

   Artikolu 2.1.1.1 tal-PMAP Bdil volontarju ta' l-art

   L-għajnuna tlaħħaq il-100 % ta' l-ispejjeż attwali notarili u ta' reġistrazzjoni ta' l-art imġarrba fir-rigward ta' l-art/ijiet koperti mill-bdil ta' l-art. L-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet ta' l-implimentazzjoni jġarrbu dawn l-ispejjeż u għalhekk jirċievu l-għajnuna. Il-bidwi jibbenefika b'mod indirett minn din l-għajnuna għaliex għal kull bdil, art ta' l-impriżi agrikoli primarji żgħar u ta' daqs medju hija involuta.

3. *L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006*

L-Artikolu 2.2.2.2. tal-PMAP Servizzi ta' konsulenza tal-farm għall-impriżi agrikoli żgħar u daqs medju

a. Fil-każ ta' servizzi ta' konsulenza tal-farm esklussivament mmirati għar-rilokazzjoni, l-għajnuna massima għal kull azjenda hija ta' 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, b'minimu ta' EUR 5 000 u massimu ta' EUR 30 000.

b. Fil-każ ta' ħolqien ta' pjanijiet ta' żvilupp għall-impriżi fil-qasam ta' l-ortikoltura tas-serer: Massimu ta' 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, b'minimu ta' EUR 5 000 u massimu ta' EUR 30 000 għal kull ortikulturalist konċernat.

c. Fil-każ ta' servizzi ta' konsulenza oħrajn — li jinkludi l-konsulenza fejn aktar minn xenarju wieħed tal-futur għall-farm b'żieda mar-rilokazzjoni huwa eżaminat, l-għajnuna massima għal kull azjenda hija ta' 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, b'minimu ta' EUR 5 000 u massimu ta' EUR 30 000.

Impriżi agrikoli primarji żgħar u daqs medju biss huma eliġibbli għall-għajnuna. L-għajnuna tiġi mħallsa in natura, billi titħallas lis-servizz ta' konsulenza kkonċernat. L-ebda ħlas dirett ma jsir lill-produttur primarju. Il-farms jintgħażlu fuq bażi ta' kriterji oġġettivi u l-ebda għajnuna m'għandha tingħata għall-servizzi ta' konsulenza li jikkostitwixxu attività perjodika jew kontinwa li tirrigwarda n-nefqa normali tat-tħaddim ta' l-impriża

**Data ta' l-implimentazzjoni:** L-implimentazzjoni sseħħ wara l-publikazzjoni ta' l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-UE.

**Tul ta' żmien ta' l-iskema:** Sal-31.12.2013

**Għan ta' l-għajnuna:**

L-għan ġenerali tal-PMAP, sezzjoni agrikola, huwa li jiġi żgurat settur vitali agrikolu, li jinvolvi:

— agrikoltura kompetittiva li tħares lejn il-futur, bħala mutur ekonomiku fiż-żoni rurali;

— agrikoltura sostenibbli li tagħmel użu sostenibbli tal-ħamrija, ta' l-ilma, ta' l-arja u tar-riżorsi naturali oħrajn u hija ekonomikament vijabbli.

Aktar speċifikament, l-għan skond kull Artikolu jista' jiġi deskritt kif ġej:

Artikolu 2.1.1.1 Bdil volontarju ta' l-art

Il-bdil ta' l-art isservi għat-titjib fit-tqassim ta' l-art taż-żoni rurali skond il-funzjoni tagħhom, kif imniżżel fl-ippjanar reġjonali. Essenzjalment, dan isir bi bdil ta' l-art, li jagħmilha possibli b'dan l-Artikolu.

Artikolu 2.2.2.1 Investimenti fl-azjendi agrikoli

L-għan ta' dan l-Artikolu huwa l-istimolu ta' l-investimenti fit-titjib u t-tiġdid ta' l-impriża, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza ta' produzzjoni, produzzjoni ta' prodotti ġodda u aħjar u/jew żieda fil-kwalità u s-sostennibbiltà ta' proċessi u prodotti ta' produzzjoni. Dan għandu jgħin għall-kreattività ta' agrikoltura aktar kompettiva, sostenibbli u vitali: jiġifieri, agrikoltura li tipprovdi dħul ġust għall-impriża b'kundizzjonijiet diċenti ta' xogħol, l-ilħuq ta' l-istennijiet tas-soċjetà (bħal l-ambjent, il-benessri u s-saħħa tal-bhejjem, il-bżonnijiet ta' iġene u (agro-)bijodiversità).

Artikolu 2.2.2.2 Servizzi ta' konsulenza tal-farm

L-għan ta' dan l-Artikolu huwa li jippermetti l-bdiewa jirċievu servizzi ta' konsulenza b'ħarsa lejn il-futur fir-rigward ta' kif l-impriża tista' tiġi sostanzjalment żviluppata.

**Settur(i) kkonċernat(i):** L-iskema tapplika għall-impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju (għar-raba' u għat-trobbija tal-bhejjem). L-impriżi tas-settur primarju ta' produzzjoni biss huma mdaħħla

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Provincie Gelderland
Dienst REW/EU Programmasecretariaat
Postbus 9090
6800 GX Arnhem
Nederland

**Indirizz ta' l-internet:**

www.gelderland.nl

projecten> projectprogramma's> platteland (ILG)> deel 3 PMJP, subsidiekaders 2e herziening

**Tagħrif ieħor:**

Għajnuna lill-impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju tingħata fuq il-bażi ta' l-Artikoli tal-PMAP, Parti 3 li ġejjien:

| | |
|---|---|
| L-Artikolu 2.1.1.1 | Bdil volontarju ta' l-art |
| L-Artikolu 2.2.2.1 | Investimenti fil-kumpaniji agrikoli (modernizzazzjoni tal-farm) |
| Artikolu 2.2.2.2 | Servizzi ta' konsulenza tal-farm |

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna tista' tintbagħat mill-impriżi żgħar u ta' daqs medju li jilħqu l-bżonnijiet tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, Artikoli 4, 13 jew 15 (2)(c)

Fejn, skond l-Artikoli msemmija hawn fuq, farms u/jew entitajiet oħra huma eliġibbli għall-għajnuna, il-Kummissjoni se tkun infurmata/notifikata fuqhom separatament skond ir-regoli applikabbli (bħal ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna *de minimis*, il-qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna ta' taħriġ)

**Numru XA:** XA 247/07

**Stat Membru:** Ir-Repubbblika tas-Slovenja

**Reġjun:** Območje občine Preddvor

**Titlu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali:** Podpore programom razvoja kmetijstva in podeželja v občini Preddvor 2007–2013

**Bażi legali:** Pravilnik o dodelitvi pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva, gozdarstva in podeželja v občini (II. Poglavje)

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

2007: EUR 8 700

2008: EUR 8 874

2009: EUR 9 052

2010: EUR 9 233

2011: EUR 9 417

2012: EUR 9 606

2013: EUR 9 798

**Intensità massima ta' l-għajnuna:**

1. *Investiment f'azjendi agrikoli għall-produzzjoni primarja:*

— sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli f'żoni żvantaġġati u sa 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal investiment f'żoni oħrajn;

L-appoġġ jingħata fir-rigward ta' investiment għar-restawr tal-karatteristiċi tal-farm u għax-xiri ta' apparat biex jintuża għall-produzzjoni agrikola u għall-investiment f'uċuħ permanenti, għall-titjib fl-art agrikola u għall-ġestjoni tal-mergħat.

2. *Konservazzjoni ta' bini tradizzjonali:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal faċilitajiet mhux produttivi;

— sa 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal investiment f'faċilitajiet produttivi f'żoni żvantaġġati, u 60 % f'żoni oħrajn, sakemm l-investiment ma jwassalx għal żieda fil-potenzjal produttiv tal-farms f'żoni oħrajn.

3.. *Ħlas tal-primjums ta' l-assigurazzjoni:*

— l-ammont ta' kofinanzjament muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums ta' l-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u sa 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-primjums ta' assigurazzjoni għall-assigurazzjoni ta' l-uċuħ u frott u għall-assigurazzjoni tal-bhejjem kontra l-mard.

4. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art:*

— sa 50 % ta' l-ispejjeż legali u amministrattivi reali.

5. *Appoġġ tekniku fil-qasam agrikolu:*

— sa 100 % ta' l-ispejjeż li jirrigwardaw l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-bdiewa, servizzi ta' konsulenza u l-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, wirjiet, fieri, pubblikazzjonijiet, katalgi u websajts u l-ispejjeż ta' servizzi ta' bdil. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi

**Data ta' l-implimentazzjoni:** Settembru 2007 (jew id-data li fiha jidħlu fis-seħħ ir-Regoli)

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** Sal-31.12.2013

**Għan ta' l-għajnuna:** Appoġġ lill-SMEs

**Referenza għall-Artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli:**

Kapitolu II tar-Regoli dwar l-għoti ta' l-għajnuna għall-konservazzjoni u l-iżvilupp agrikolu, tal-forestrija u taż-żoni rurali fil-muniċipalità ta' Preddvor li jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skond l-Artikoli segwenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

— Artikolu 4: Investiment f'azjendi agrikoli;

— Artikolu 5: Konservazzjoni tal-pajżaġġi u bini tradizzjonali;

— Artikolu 12: Għajnuna għall-ħlas ta' primjums ta' l-assigurazzjoni;

— Artikolu 13: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid ta' l-art;

— Artikolu 15: Għoti ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

**Is-settur(i) ekonomiku/ċi kkonċernat(i):** Agrikoltura

**Isem u indirizz ta' l-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Občina Preddvor
Dvorski trg 10
SLO-4205 Preddvor

**Indirizz ta' l-internet:**

http://www.preddvor.si/uradno_glasilo/objave2007/052007.pdf

**Tagħrif ieħor:**

Il-miżura li tikkonċerna l-ħlas tal-primjums ta' assigurazzjoni għall-uċuħ u l-frott tinkludi l-kundizzjonijiet ta' maltemp simili għal diżastri naturali: ġlata tar-rebbiegħa, silġ, sajjetti, nar ikkawżat mis-sajjetti, tempesti u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità huma konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-muniċipalità u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (azzjonijiet ta' qabel l-għoti ta' l-għajnuna, akkumulazzjoni, trasparenza u monitoraġġ ta' l-għajnuna)

Miran ZADNIKAR
*Sindku tal-muniċipalità ta' Preddvor*

**Numru XA:** XA 290/07

**Stat Membru:** Ir-Renju Unit

**Reġjun:** Wales

**Titolu ta' l-iskema ta' l-Għajnuna jew l-isem tal-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Light Lamb Welfare Disposal Scheme

**Bażi ġuridika:** Section 1 of the Welsh Development Agency Act 1975 and sections 70 and 71 of the Government of Wales Act 2006

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont totali ta' l-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

Sena: Ottubru 2007 — Jannar 2008

Nefqa: taħt GBP10 000 000

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-għajnuna għandha tkun limitata għal telf ikkawżat minn mardiet li tifqigħa tagħhom tkun ġiet formalment rikonoxxuta minn awtoritajiet pubbliċi u ma għandhiex teċċedi il-100 % ta' l-ispejjeż assoċjati mal-qadi tar-rekwiżiti ta' l-iskema.

**Data ta' l-implimentazzjoni:** 27.10.2007

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' l-għajnuna individwali:** L-iskema ser tibqa' għaddejja għal għaxar ġimgħat u tiskadi fl-4.1.2008

**L-għan ta' l-għajnuna:** Il-"Light Lamb Welfare Disposal Scheme" ser tkun miftuħa għal bdiewa f'Wales li jiffaċċjaw problemi tal-benessri ta' l-annimali bħala riżultat ta' restrizzjonijiet ta' l-esportazzjonijiet imposti wara t-tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit. Il-produtturi ser ikunu responsabbli għat-trasport ta' annimali eliġibbli (jiġifieri ħrief taħt il-piż ta' 25kg meta ħajja) lejn ċentri ta' ġbir. L-operaturi għandhom iħallsu GBP 15 kull ras għall-annimali eleġibbli. L-annimali mhux ser jidħlu fil-katina alimentari umana. Wara l-qatla, il-karkassi se jiġu ttrasportati għar-rimi sossegwenti. Offerti kompetittivi ser jintużaw biex jipprovdu dawn is-servizzi f'isem il-Welsh Assembly Government. Dan jikkonforma ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru1857/2006 fejn l-għajnuna għandha tkun limitata għal telf ikkawżat minn mard li għalihom tifqigħa tkun ġiet formalment rikonoxxuta minn awtoritajiet pubbliċi

**Spejjeż eliġibbli:** Taħt il-"Light Lamb Welfare Disposal Scheme", operaturi ta' ċentri ta ġbir ser jitħallsu total ta' 15 GBP kull ras għal kull annimal eliġibbli. Barra minn hekk, l-operaturi ser jitħallsu għas-servizzi involuti fil-ġbir, fil-qtil, fit-trasport, fl-ipproċċessar tax-xaħam u fl-inċinerazzjoni; dawn l-ispejjeż ser jiġu determinati minn offerti kompetittivi. Dan hu konformi ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru1857/2006 fejn l-intensità sħiħa ta' l-għajnuna ma għandhiex teċċedi l-100 % u li jistipula li l-għajnuna għandha tikkompensa għal telf ta' dħul minħabba obbligi ta' kwarantina

**Settur(i) kkonċernat(i):** L-iskema tapplika għas-settur tal-ħrief ta' l-industrija tal-biedja f'Wales

**Isem u indirizz ta' l-awtorità inkarigata mill-għoti:**

Welsh Assembly Government
Cathays Park
Cardiff CF10 3NQ
United Kingdom

**Kuntatt::**

Rory O'Sullivan
Tel. (44) 292 80 13 32
e-mail: rory.o'sullivan@wales.gsi.gov.uk

**Indirizz ta' l-internet:**

Dettalji ta' l-iskema jistgħu jinsabu fuq:

http://new.wales.gov.uk/topics/environmentcountryside/countryside_policy/farming/light_lamb_disp_scheme/?lang=en

Iffirmat u ddatat f'isem id-Department for Environment, Food and Rural Affairs (l-awtorità kompetenti fir-Renju Unit)

Neil MARR
Agricultural State Aid
Department for Environment, Food and Rural Affairs
Area 8D, 9 Millbank
C/o Nobel House
17 Smith Square
Westminster
London SW1P 3JR
United Kingdom

---

**Numru XA:** XA 291/07

**Stat Membru:** Ir-Renju Unit

**Reġjun:** England

**Titolu ta' l-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Foot and Mouth Disease Hill Farm Scheme

**Bażi ġuridika:** Section 8 (Miscellaneous Provisions) Agriculture Act 1963

**Nefqa annwali ppjanata skond l-iskema jew ammont kumplessiv ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:**

Sena: 23 ta' Ottubru 2007 — 31 ta' Marzu 2008

Nefqa: GBP 10 000 000

**Intensità massima ta' l-għajnuna:** L-iskema timmira biex tipprovdi intensità massima ta' l-għajnuna ta' 100 % L-għajnuna se tkun limitata għal telf ikkawżat minn marda li tifqigħa tagħha tkun ġiet formalment rikonoxxuta mill-awtoritajiet pubbliċi, speċifikament b'relazzjoni ma' telf attribwiti lil obbligi ta' kwarantina

**Data ta' l-implimentazzjoni:** 23.10.2007

**Tul ta' żmien ta' l-iskema jew l-għotja ta' għajnuna individwali:** L-iskema ser tipprovdi ħlas ta' darba lil bdiewa eliġibbli fl-għoljiet. Il-ħlassijiet ser ikunu kkalkulati u lesti sa l-31 ta' Marzu 2008

**L-għan(ijiet) ta' l-għajnuna:**

Biex tgħin lill-impriżi agrikoli żgħar u ta' daqs medju ta' l-għoljiet għat-trobbija estensiva tan-ngħaġ u tal-baqar għal-laħam fl-Ingilterra, li bħala grupp kienu partikolarment żvantaġġati bir-restrizzjonijiet nazzjonali fuq il-moviment l-esportazzjoni imposti bħala riżultat tal-marda ta' l-Ilsien u Dwiefer. Dawn il-bdiewa jiddependu ħafna fuq il-moviment tan-ngħaġ f'dan iż-żmien tas-sena għal bejgħ tal-bhejjem fil-ħarifa, u esportazzjonijiet biex jiġġeneraw proporzjon sinifikanti tad-dħul annwali tagħhom, u l-fluss tal-likwidità tagħhom intlaqat ħażin ħafna

Dan l-għan huwa konformi ma' l-Artikolu 10, paragrafu 2(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru1857/2006 fejn l-għajnuna tista' titħallas għal telf ta' dħul minħabba obbligi ta' kwarantina ta' mardiet li t-tifqigħat tagħhom ikunu ġew formalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet pubbliċi

**Spejjeż eliġibbli:**

L-aħjar stimi kurrenti tagħna bħalissa dwar l-ispiża ekonomika tal-marda ta' l-Ilsien u d-Dwiefer fis-settur tal-bhejjem mit-3 ta' Awissu huwa ta' GBP 103 miljun u huma mistennija li jibqgħu jiżdiedu. Il-baġit totali għal din l-iskema ser ikun ta' GBP 10 miljun u ħlasijiet individwali lil bdiewa eleġibbli ser ikunu kkalkulati bi proporzjon għad-daqs ta' l-intrapriża tagħhom.

L-għan ta' din l-iskema tikkonforma ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 li jistipula li l-intensità sħiħa ta' l-għajnuna ma għandhiex teċċedi l-100 % u li l-għajnuna se tkun biex tikkumpensa għal dħul mitluf minħabba obbligi ta' kwarantina

**Settur(i) kkonċernat(i):** L-iskema tapplika għall-SMEs fis-settur tal-bhejjem fl-għoljiet fl-industrija tal-biedja fl-Ingilterra li rċevew ħlas fl-2007 taħt l-iskema taż-Żoni l-Aktar Żvantaġġati ta' l-Ingilterra (il-Hill Farm Allowance 2007)

**Isem u indirizz ta' l-awtorità inkarigata mill-għoti:**

Department for Environment, Food and Rural Affairs
Nobel House
17 Smith Square
London SW1P 3JR
United Kingdom

**Indirizz ta' l-internet:**

http://www.defra.gov.uk/animalh/diseases/fmd/movements/hill-farmers.htm

Iffirmat u ddatat f'isem id-Department for Environment, Food and Rural Affairs (l-awtorità kompetenti fir-Renju Unit)

Neil MARR
Agricultural State Aid
Department for Environment, Food and Rural Affairs
Area 8D, 9 Millbank
C/o Nobel House
17 Smith Square
Westminster
London SW1P 3JR
United Kingdom